



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2016/0014(COD)

5.12.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (COM(2016)0031 – C8-0015/2016 – 2016/0014(COD))

Rapporteur: Christofer Fjellner

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fis-27 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, li bħalissa huma stipulati fid-Direttiva 2007/46/KE.

Twettaq kontroll komprensiv tal-idoneità tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni fl-2013, bħala parti mill-impenji tal-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha CARS2020. Ir-riżultati wrew li għalkemm is-sistema attwali laqgħet l-oġettivi tal-politika sa ċertu punt, din ġiet ikkritikata ħafna wara l-iskandlu tas-sofwer ta' manipolazzjoni tal-Volkswagen. Ir-rapporteur iqis li huwa essenzjali li tiġi rinfurzata s-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' sorveljanza xierqa li jiggarrantixxu l-applikazzjoni armonizzata tal-proċeduri fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-leġiżlazzjoni taħdem sewwa u ma twassalx għal żieda fil-burokrazija la għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u lanqas għall-industrija.

Sors wieħed ta' dgħufija fis-sistema ta' bħalissa huwa d-differenza fl-interpretazzjoni u l-istrettezza fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti mill-Istati Membri. Id-differenzi fl-interpretazzjoni, mhux neċessarjament in mala fede, u t-traspożizzjoni tad-direttivi huma fenomenu rikorrenti magħruf li jagħmel ħsara lis-suq intern u joħloq inċertezza kemm għall-industrija kif ukoll għall-konsumaturi.

Il-konsegwenza ta' dawn id-dgħufijiet hija mhux biss nuqqas ta' konformità, iżda l-ħolqien ta' lok għal frodi u ksur sfaċċat tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Sfortunatament, issa rajna għadd ta' każijiet bħal dawn. Sabiex jiġu indirizzati dawn id-dgħufijiet, ir-rapporteur ta attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza u sorveljanza tas-suq aktar b'saħħithom.

Is-sorveljanza tas-suq, jiġifieri il-kontrolli ex-post fuq vetturi wara li jinħarġu fis-suq, hija punt dgħajjef tal-leġiżlazzjoni attwali u t-tisħiħ ta' dan l-aspett huwa wieħed mill-aktar biċċiet ċentrali ta' din il-proposta. Ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta' infurzar u l-passi li jridu jittieħdu meta jkun hemm prodotti mhux konformi fis-suq ġew definiti, u dan huwa titjib meħtieġ. Ir-rapporteur jieħu nota tal-fatt li s-sorveljanza tas-suq tista' titwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza iżda li l-Kummissjoni wkoll għandha rwol x'taqdi.

Sabiex ir-regolament jiġi adattat aħjar għall-kundizzjonijiet li jinbidlu fl-Istati Membri, ir-rapporteur qed jipproponi bidliet għas-sistema tat-tariffi. Billi xi Stati Membri jwettqu numru limitat ta' approvazzjonijiet tat-tip, il-finanzjament għas-sorveljanza tas-suq m'għandux ikun marbut mal-approvazzjonijiet tat-tip peress li dan jirriskja li joħloq differenzi serji fis-sorveljanza tas-suq. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u sorveljanza bir-reqqa tas-suq fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi tat-tariffi li jirriflettu l-kundizzjonijiet tal-Istati Membri li jiffinanzjaw attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Qed jiġi ssuġġerit li jiġi ċċarat iktar il-finanzjament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq. Minħabba li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' tariffi biex ikopru l-ispejjeż għas-sorveljanza tas-suq, huwa wkoll raġonevoli li l-ispejjeż maħluqa minħabba l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq jiġġarbu mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Biex tiġi żgurata verament il-kredibilità tal-approvazzjonijiet tat-tip dawn għandhom jiġu

vverifikati minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip barra dik li toħroġhom kull ħames snin. Dan se jikkontribwixxi biex jiġu eliminati d-differenzi fl-interpretazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni.

Qed jiġi ssuġġerit ukoll it-tisħiħ tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq u tar-responsabilità tal-Kummissjoni li tiegħu azzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità. Regolamenti ċari dwar is-sorveljanza tas-suq flimkien ma' sanzjonijiet b'saħħithom joħolqu qafas b'saħħtu u kredibbli ta' deterrent għal attentati fil-ġejjieni ta' evazzjoni jew ta' ksur tar-rekwiżiti.

Is-servizzi tekniċi għandhom rwol essenzjali fiż-żamma tal-ogħla standards ta' sikurezza, tekniċi u ambjentali tal-Unjoni u fil-konformità magħhom. Ir-rapporteur jaqbel mal-Kummissjoni li l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi huma imperattivi. Madankollu, peress li l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ jistgħu jsiru minn korpi ta' akkreditament nazzjonali f'xi Stati Membri, ir-rapporteur jixtieq jiżgura li din il-possibbiltà tibqa' teżisti fil-futur. Il-valutazzjoni tal-monitoraġġ għandha tiżgura wkoll l-indipendenza tas-servizz tekniku mingħand il-manifattur. Sabiex tiġi żgurata l-kosteffiċjenza, is-servizzi tekniċi għandhom ikunu jistgħu jikkompetu fuq bażi ta' prezzijiet u għal din ir-raġuni m'għandux jiġi rakkomandat diżakkoppjar totali, u minflok għandha ssir enfasi fuq l-evalwazzjoni robusta u l-monitoraġġ.

Mezz ieħor biex tiġi żgurata interpretazzjoni stretta tal-leġiżlazzjoni hija mekkaniżmu ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li bih l-awtoritajiet nazzjonali jiskambjaw informazzjoni u jikkoordinaw il-valutazzjonijiet tagħhom. B'hekk, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jistgħu jnaqqsu d-differenzi possibbli bejniethom bil-mod li jwettqu l-kontrolli tagħhom. Madankollu, sabiex ikun żgurat li dawn l-evalwazzjonijiet bejn il-pari ma jsirux ta' piż bla bżonn u ma jżidux l-ispejjeż, qed jiġi ssuġġerit li l-frekwenza tagħhom titnaqqas sakemm ma jkunx hemm raġuni biex wieħed jassumi li hija meħtieġa evalwazzjoni bejn il-pari aktar ta' spiss.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Dan ir-Regolament għandu jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip jinterpretaw, japplikaw u jinforzaw ir-rekwiżiti tiegħu

madwar l-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tissorvelja x-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' awditi regolari, testijiet mill-ġdid ta' kampjuni każwali tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa u monitoraġġ ġenerali tal-applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) Dan ir-Regolament għandu jiżgura proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq affidabbli, armonizzati u trasparenti fl-Istati Membri.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Għandha tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip permezz tat-titjib tad-dispożizzjonijiet dwar il-konformità tal-produttjoni billi, inter alia, **tipprovd**i awditjar perjodiku obligatorju tal-metodi ta' kontroll tal-konformità u l-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati u t-tisħiħ tar-rekwiżiti relatati mal-kompetenza, l-obbligi u l-prestazzjoni tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Il-funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza, protezzjoni u l-ambjent u l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema. Il-kriterji għad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi pprovduti mid-Direttiva 2007/46/KE

(9) Għandha tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip permezz tat-titjib tad-dispożizzjonijiet dwar il-konformità tal-produttjoni billi, inter alia, **jiġi previst u l-armonizzazzjoni** tar-rekwiżiti relatati mal-kompetenza, l-obbligi u l-prestazzjoni tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Il-funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza, protezzjoni u l-ambjent u l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema. Il-kriterji għad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi pprovduti

għandhom jiġu stabbiliti f'fiktur dettall ***tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħhom***. Il-metodi ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi fl-Istati Membri għandhom tendenza li jvarjaw b'mod progressiv minħabba l-kumplessità tal-ħidma tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li ***jiġi pprovdut għal*** obbligi proċedurali li jiżguraw skambju tal-informazzjoni u monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati ***membri*** għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi tagħhom. Dawn l-obbligi proċedurali għandhom ineħħu kwalunkwe diskrepanza eżistenti fil-metodi użati u fl-interpretazzjoni tal-kriterji għad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi.

mid-Direttiva 2007/46/KE għandhom jiġu stabbiliti f'fiktur dettall ***sabiex jiġi żgurat li jiġu applikati b'mod konsistenti madwar l-Istati Membri kollha***. Il-metodi ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi fl-Istati Membri għandhom tendenza li jvarjaw b'mod progressiv minħabba l-kumplessità miżjuda tal-ħidma tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li ***jiġu previsti*** obbligi proċedurali li jiżguraw skambju tal-informazzjoni u monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati ***Membri*** għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi tagħhom. Dawn l-obbligi proċedurali għandhom ineħħu kwalunkwe diskrepanza eżistenti fil-metodi użati u fl-interpretazzjoni tal-kriterji għad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi. ***Sabiex jiġi żgurati sorveljanza adegwata u kundizzjonijiet indaqs fl-Unjoni, il-valutazzjoni tas-servizz tekniku ta' applikant għandha tinkludi valutazzjoni fuq il-post u osservazzjoni diretta tat-testijiet effettivi tal-approvazzjoni tat-tip imwettqa.***

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri miegħu, filwaqt li jgħin biex tinżamm il-fiduċja tal-konsumatur fil-vetturi fis-suq u jipprovdli livell għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. Il-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar, stabbilit mill-Istati Membri, jimmonitorja, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' awditi, kontrolli u testijiet regolari ta' kampjuni tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa u jivverifika l-applikazzjoni uniformi,

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-fiduċja reċiproka u sabiex jiġu allinjati u żviluppati iktar il-kriterji għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u n-notifika tas-servizzi tekniċi, kif ukoll il-proċeduri ta' estensjoni u tiġdid, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni. Għandhom jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fuq kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar *il-mudell tal-lista* ta' kontroll tagħhom.

Emenda

(12) Sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-fiduċja reċiproka u sabiex jiġu allinjati u żviluppati iktar il-kriterji għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u n-notifika tas-servizzi tekniċi, kif ukoll il-proċeduri ta' estensjoni u tiġdid, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni. Għandhom jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fuq kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar *il-lista* ta' kontroll *tal-valutazzjoni mudell* tagħhom. *Dan ir-Regolament jistabbilixxi Bażi ta' Dejta tal-Approvazzjoni tat-Tip Online li flimkien mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, tista' tipprovdi mezz elettroniku utli li jiffaċilita u jsaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva fil-ġestjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fuq il-bażi ta' proċeduri sempliċi u unifikati li jduru mal-ostakoli tal-lingwa.*

^{1a} *Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).*

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Meta, minkejja l-miżuri meħudin sabiex ***tiġi żgurata*** applikazzjoni koerenti ***u segwitu*** tar-rekwiżiti mill-Istati Membri, il-kompetenza ta' servizz tekniku tkun f'dubju, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tinvestiga każijiet individwali.

Emenda

(15) Meta, minkejja l-miżuri meħudin sabiex ***jiġu żgurati*** applikazzjoni ***u segwitu omoġenji u*** koerenti tar-rekwiżiti mill-Istati Membri, il-kompetenza ta' servizz tekniku tkun f'dubju, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tinvestiga każijiet individwali ***u tipproponi soluzzjonijiet***.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Hemm il-ħtieġa ta' mekkaniżmu robust li jinforza l-konformità biex jiżgura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. L-iżgurar tal-konformità mal-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità mar-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-leġiżlazzjoni li tirregola s-settur tal-karozzi għandu jibqa' r-responsabbiltà ewlenija tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni, minħabba li dan huwa obbligu marbut mill-qrib mal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip u jirrikjedi għarfien dettaljat dwar il-kontenut tiegħu. Għalhekk huwa importanti li l-prestazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni ***tiġi vverifikata b'mod regolari permezz ta' evalwazzjoni bejn il-pari***, sabiex jiġi żgurat li jiġi applikat livell uniformi ta' kwalità u stringenza mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kollha meta jinfurzaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip. Barra minn hekk, huwa importanti li jsir provvediment għall-verifika tal-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip stess.

Emenda

(18) Hemm il-ħtieġa ta' mekkaniżmu robust li jinforza l-konformità biex jiżgura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. L-iżgurar tal-konformità mal-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità mar-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-leġiżlazzjoni li tirregola s-settur tal-karozzi għandu jibqa' r-responsabbiltà ewlenija tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni, minħabba li dan huwa obbligu marbut mill-qrib mal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip u jirrikjedi għarfien dettaljat dwar il-kontenut tiegħu. Għalhekk huwa importanti li l-prestazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni ***tkun soġġetta għal kontrolli superviżorji regolari fil-livell tal-Unjoni, inklużi awditi indipendenti***, sabiex jiġi żgurat li jiġi applikat livell uniformi ta' kwalità u stringenza mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kollha meta jinfurzaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip. Barra minn hekk, huwa importanti li jsir provvediment għall-verifika tal-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip stess.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm sorveljanza tas-suq omoġenja madwar l-Unjoni, għandhom jingħataw setgħat ta' kontroll lil aġenzija ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-qafas il-ġdid tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq jiġi implimentat b'mod sħiħ.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Sabiex jiġi żgurat ittestjar indipendenti għal konformità waqt is-servizz tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vetturi applikabbli kollha, għandhom jiġu żviluppati metodi ta' ttestjar tal-emissjonijiet robusti u mandatorji sabiex jipprovdu rekwiżiti tat-test tal-affidabbiltà fuq it-triq li jkunu bbażati fuq il-kombinazzjoni ta' ttestjar dirett tal-pajp tal-egżost u ta' ttestjar OBD, inkluż l-istabbiliment ta' metodi ta' ttestjar li jkejlu l-NOx matul l-ittestjar perijodiku tal-emissjonijiet imwettqa skont id-Direttiva 2014/45/UE u l-livelli tal-partikuli u tal-valuri ta' limitu tagħhom. B'mod partikolari, teknoloġiji ġodda ta' telerilevament jistgħu jintużaw biex jidentifikaw vetturi li jniġġsu ħafna fit-triq u biex fit-testijiet tal-konformità waqt is-servizz għal-limiti tal-emissjonijiet irregolati (PN, NOx, CO u HC) ikun hemm fokus fuq dawk il-vetturi bħala l-aktar mod kosteffettiv biex jitwettqu spezzjonijiet tekniċi perijodiċi fil-futur.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-proċess tal-approvazzjoni u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u l-verifika indipendenti mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ***u l-Kummissjoni, id-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip*** għandha tiġi pprovduta f'format elettroniku u għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, soġġett għal eżenzjonijiet minħabba protezzjoni tal-interessi kummerċjali u l-protezzjoni tad-dejta personali.

Emenda

(22) Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-proċess tal-approvazzjoni u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u l-verifika indipendenti mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, ***il-Kummissjoni u partijiet terzi, id-divulgazzjoni tal-informazzjoni tal-vettura u ta' ttestjar hija meħtieġa għall-fini tat-twettiq ta' tali kontrolli. L-informazzjoni rilevanti*** għandha tiġi pprovduta f'format elettroniku u għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, soġġett għal eżenzjonijiet minħabba protezzjoni tal-interessi kummerċjali u l-protezzjoni tad-dejta personali.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Dawn l-obbligi iktar speċifiċi għall-awtoritajiet nazzjonali previsti f'dan ir-Regolament għandhom jinkludu ttestjar u spezzjonijiet ta' verifika tal-konformità ex post ta' numru suffiċjenti ta' vetturi mqegħdin fis-suq. L-għażla tal-vetturi li sejrjn ikunu soġġetti għal din il-verifika tal-konformità ex post għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju xierqa li tqis is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità possibbli u l-probabbiltà li sseħħ.

Emenda

(24) Dawn l-obbligi iktar speċifiċi għall-awtoritajiet nazzjonali previsti f'dan ir-Regolament għandhom jinkludu ttestjar u spezzjonijiet ta' verifika tal-konformità ex post ta' numru suffiċjenti ta' vetturi mqegħdin fis-suq. L-għażla tal-vetturi li sejrjn ikunu soġġetti għal din il-verifika tal-konformità ex post għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju xierqa li tqis is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità possibbli u l-probabbiltà li sseħħ. ***Barra minn hekk, din għandha tkun ibbażata fuq kriterji ċari u dettaljati u għandha tinkludi, fost l-oħrajn, kontrolli perċentwali każwali fuq il-mudelli attwali kollha, fuq vetturi b'magna jew teknoloġija ġdida installata, fuq vetturi b'ekonomija tal-fjuwil għolja jew baxxa***

ħafna, fuq vetturi b'volum għoli ħafna ta' bejgħ u għandha tqis l-istorja mgħoddija tal-konformità, suġġerimenti mill-konsumaturi, riżultati ta' ttestjar ta' rilevament mill-bogħod u tħassib muri minn korpi ta' riċerka indipendenti.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu affettwati mill-fatt li ċerti sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati jew parts u tagħmir jistgħu jiġu mmuntati mal-vettura jew f'vettura wara li dik il-vettura tkun tpoġġiet fis-suq, għet irreġistrata jew iddaħħlet fis-servizz. Għalhekk, għandhom jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li s-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi jew fil-vetturi u li jistgħu jfixklu **b'mod sinifikanti** l-funzjonament tas-sistemi li huma essenzjali għall-ħarsien ambjentali jew għas-sikurezza funzjonali jiġu kkontrollati minn awtorità tal-approvazzjoni qabel jitpoġġew fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Il-konformità tal-produzzjoni hija wieħed mill-pedamenti tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, għalhekk, l-arranġamenti stabbiliti mill-manifattur sabiex jiżgura tali konformità għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kkwalifikat

Emenda

(27) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu affettwati mill-fatt li ċerti sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati jew parts u tagħmir jistgħu jiġu mmuntati mal-vettura jew f'vettura wara li dik il-vettura tkun tpoġġiet fis-suq, għet irreġistrata jew iddaħħlet fis-servizz. Għalhekk, għandhom jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li s-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi jew fil-vetturi u li jistgħu jfixklu l-funzjonament tas-sistemi li huma essenzjali għall-ħarsien ambjentali jew għas-sikurezza funzjonali jiġu kkontrollati minn awtorità tal-approvazzjoni qabel jitpoġġew fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz.

Emenda

(29) Il-konformità tal-produzzjoni hija wieħed mill-pedamenti tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, għalhekk, l-arranġamenti stabbiliti mill-manifattur sabiex jiżgura tali konformità għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kkwalifikat

b'mod xieraq maħtur għal dak il-għan u jkunu soġġetti għal verifika regolari permezz ta' awditjar perjodiku indipendenti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiżguraw il-verifika tal-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati.

b'mod xieraq maħtur għal dak il-għan, **li ma jkunx is-servizz tekniku li jkun wettaq l-ittestjar għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip**, u jkunu soġġetti għal verifika regolari permezz ta' awditjar perjodiku indipendenti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiżguraw il-verifika tal-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Il-valutazzjoni tar-riskji **serji rrapportati** għas-sikurezza u l-ħsara għas-saħħa tal-pubbliku u l-ambjent għandha ssir flivell nazzjonali, iżda għandha tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni meta jkun possibbli li r-riskju jew il-ħsara **rrapportati** jkunu jeżistu anki lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru wieħed bil-għan li jinqasmu r-riżorsi u tiġi żgurata konsistenza rigward l-azzjoni korrettiva li trid tittieħed sabiex jiġu **mitigati** r-riskju u l-ħsara identifikati.

Emenda

(31) Il-valutazzjoni tar-riskji għas-sikurezza u l-ħsara għas-saħħa tal-pubbliku u l-ambjent għandha ssir flivell nazzjonali, iżda għandha tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni meta jkun possibbli li r-riskju jew il-ħsara jkunu jeżistu anki lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru wieħed bil-għan li jinqasmu r-riżorsi u tiġi żgurata konsistenza rigward l-azzjoni korrettiva li trid tittieħed sabiex jiġu **eliminati** r-riskju u l-ħsara identifikati.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) **Mill-banda l-oħra**, il-progress tekniku li jintroduċi metodi jew tekniki ġodda għad-dijanostika u t-tiswija tal-vetturi, bħall-aċċess rimot għall-informazzjoni u s-softwer dwar il-vettura, **m'għandux idgħajjef** l-għanijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manteniment għall-operaturi indipendenti.

Emenda

(37) Il-progress tekniku li jintroduċi metodi jew tekniki ġodda għad-dijanostika u t-tiswija tal-vetturi, bħall-aċċess rimot għall-informazzjoni u s-softwer dwar il-vettura, **għandu jsaħħaħ** l-għanijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manteniment għall-operaturi indipendenti.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-penali imposti lill-Kummissjoni kull sena, sabiex *jinmonitorjaw il-koerenza* tal-implimentazzjoni *ta' dawn id-dispożizzjonijiet*.

Emenda

(40) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-penali imposti lill-Kummissjoni kull sena, sabiex *tkun tista' timmonitorja l-koerenza* tal-implimentazzjoni *tad-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-penali*.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. *Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll l-Aġenzija Ewropea għas-Sorveljanza tal-Vetturi (minn hawn 'il quddiem l-"EVSA") u jstipula s-setgħat u r-responsabbiltajiet tagħha.*

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Għall-vetturi u l-makkinarji li ġejjin, il-manifattur jista' japplika għall-approvazzjoni tat-tip jew għall-approvazzjoni ta' vettura individwali skont dan ir-Regolament, diment li dawk il-vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti *sostantivi* ta'

3. Għall-vetturi u l-makkinarji li ġejjin, il-manifattur jista' japplika għall-approvazzjoni tat-tip jew għall-approvazzjoni ta' vettura individwali skont dan ir-Regolament, diment li dawk il-vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-

dan ir-Regolament:

Regolament:

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) 'sorveljanza tas-suq' tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir magħmula disponibbli fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku;

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) 'sorveljanza tas-suq' tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir magħmula disponibbli fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza, ***l-ambjent*** jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku ***inklużi d-drittijiet tal-konsumatur***;

Emenda

(8a) 'apparat ta' manipulazzjoni' tfisser kwalunkwe element tad-disinn li jirrivea t-temperatura, il-veloċità tal-vettura, il-veloċità tal-magna (RPM), il-ger ta' trażmissjoni, il-manifold b'vakwu jew kwalunkwe parametru ieħor bl-iskop li jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf il-funzjonament ta' xi parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, li tnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet taħt kull kundizzjoni ambjentali jew operattiva tal-magna applikabbli b'mod regolari fit-territorju tal-Unjoni ffaċċjata matul tħaddim normali tal-vettura jew 'il barra mill-proċeduri ta' ttestjar tal-approvazzjoni tat-

tip;

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) 'Strateġija ta' Bażi għall-Emissjonijiet' (BES) tfisser strateġija għall-emissjonijiet li hija attiva matul il-firxa kollha ta' tħaddim tal-veloċità u tat-tagħbija tal-magna sakemm ma tkunx attivata Strateġija Awżiljarja għall-Kontroll tal-Emissjonijiet;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8c) 'Strateġija Awżiljarja għall-Kontroll tal-Emissjonijiet' (AES) tfisser strateġija tal-emissjonijiet li ssir attiva u tieħu post jew timmodifika Strateġija ta' Bażi għall-Emissjonijiet għal skop speċifiku u b'reazzjoni għal grupp speċifiku ta' kundizzjonijiet ambjentali u/jew operattivi u li tibqa' operattiva biss sakemm jibqgħu jeżistu dawn il-kundizzjonijiet;

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 43

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(43) 'vettura ta' tmiem is-serje' tfisser vettura li hija parti minn **ħażna** u li, minħabba d-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tekniċi ġodda li fl-isfond tagħhom ma

(43) 'vettura ta' tmiem is-serje' tfisser vettura li hija parti minn **stokk jew li trid tiġi kompluta** u li, minħabba d-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tekniċi ġodda li fl-isfond

kellhiex it-tip tagħha approvat, ma tistax tkun jew tibqa' disponibbli fis-suq, tiġi rreġistrata jew imdaħħla fis-servizz;

tagħhom ma kellhiex it-tip tagħha approvat, ma tistax tkun jew tibqa' disponibbli fis-suq, tiġi rreġistrata jew imdaħħla fis-servizz;

Ġustifikazzjoni

Il-vetturi jistgħu jinbnew f'diversi stadji li għandhom jitqiesu fid-definizzjoni ta' vetturi ta' tmiem is-serje.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(44a) 'telerilevament' tfisser skennjar u kejl tal-livelli ta' sustanzi niġġiesa mill-egżost ta' vettura waqt li l-vettura tkun qiegħda tiċċaqlaq, bl-użu ta' strumenti mgħammra b'sensur imqiegħda fil-ġenb tat-triq bil-għan li tinġabar dejta tal-prestazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet medji tal-flotta fit-triq u għall-identifikazzjoni ta' vetturi li jniġġsu b'mod eċċessiv;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni ***għandha tingħata*** s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 ***sabiex temenda*** l-Anness IV bil-għan li tikkunsidra l-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji billi tintroduċi u taġġorna r-referenzi għall-atti regolatorji li jinkludu r-rekwiżiti li magħhom iridu jkunu konformi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati.

2. Il-Kummissjoni ***hija mogħtija*** s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 ***li jemendaw*** l-Anness IV bil-għan li tikkunsidra l-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji billi tintroduċi u taġġorna r-referenzi għall-atti regolatorji li jinkludu r-rekwiżiti li magħhom iridu jkunu konformi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati.

Il-manifatturi li jitolbu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura li tuża Strateġija

ta' Bażi għall-Emissjonijiet, Strateġija Awżiljarja għall-Kontroll tal-Emissjonijiet jew apparat ta' manipulazzjoni, kif definit f'dan ir-Regolament jew ir-Regolament Nru 2016/646/UE, għandhom jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip l-informazzjoni kollha, inkluża ġustifikazzjoni teknika, li tista' tkun raġonevolment meħtieġa mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip biex tiddetermina jekk il-BES jew l-AES hijiex apparat ta' manipulazzjoni u jekk tkunx applikabbli deroga għall-projbizzjoni fuq l-użu ta' apparat ta' manipulazzjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw bil-miktub lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li l-informazzjoni kollha dwar BES, AES jew apparat ta' manipulazzjoni tkun ġiet ipprovduta u li t-tip ta' vettura li għalih inġenierat l-approvazzjoni tat-tip ma jkunx mgħammar b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit skont dan l-Artikolu u r-Regolament (KE) Nru 692/2008.

L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip m'għandhiex tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE qabel ma tkun ikkompletat il-valutazzjoni tagħha u tkun iddeterminat li t-tip ta' vettura li għalih inġenierat l-approvazzjoni ma jkunx mgħammar b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit skont dan l-Artikolu u r-Regolament (KE) Nru 692/2008.

Għall-fini tal-valutazzjoni tagħhom u biex jivverifikaw il-konformità jew in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq jew l-Aġenzija jistgħu jwettqu test sorpriża supplimentari, b'parametri differenti mit-testijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-parametri ta' dak it-test sorpriża supplimentari għandhom ikunu ddefiniti kull darba mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq jew l-Aġenzija biss u għandhom jibqgħu

strettament kunfidenzjali u mhux magħrufa mill-manifattur sal-pubblikazzjoni finali tar-riżultati tat-test.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq, b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq, b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwettqu attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq konġunti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu, fejn jaraw li hu meħtieġ u ġġustifikat, ***ikunu intitolati li*** jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi u jissekwestraw il-kampjuni meħtieġa ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għal skopijiet ta' ttestjar tal-konformità.

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***ikunu*** jistgħu, fejn jaraw li hu meħtieġ u ġġustifikat, jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi ***mingħajr avviż minn qabel*** u jissekwestraw il-kampjuni meħtieġa ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għal skopijiet ta' ttestjar tal-konformità. ***Is-sid tal-vettura għandu jiġi kkumpensat għall-ispejjeż marbuta ma' dawk it-testijiet.***

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull **erba'** snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn **u** lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel **sommarju** tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari **n-numru tal-approvazzjoni** tat-tip mogħtija u l-identità tal-manifatturi korrispondenti.

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip tagħhom **u l-kwalità tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa**. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull **tlit** snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Kummissjoni, **lill-Forum dwar l-Infurzar u l-Iskambju ta' Informazzjoni stabbilit bl-Artikolu 10, u, b'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2016/XXX dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja u li temenda d-Direttiva 2003/35/KE, lill-Forum Ewropew dwar l-Arja Nadifa u lil partijiet terzi oħrajn fuq talba tagħhom**. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel **rapport sħiħ** tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku **ġenerali**, b'mod partikolari **fir-rigward tal-għadd tal-approvazzjonijiet** tat-tip mogħtija **u miċħuda** u l-identità tal-manifatturi korrispondenti **u t-tipi ta' vetturi**.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull **erba'** snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-

Emenda

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull **tlit** snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni **u lil partijiet terzi fuq talba**. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku; **dawn**

pubbliku.

għandhom jindikaw, b'mod partikolari, il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament, kif ukoll il-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip u l-identità tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni, manifatturi u t-tipi ta' vetturi korrispondenti.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiżguraw li l-vettura pprovduta mill-manifattur għall-fini ta' ttestjar tal-approvazzjoni tat-tip tkun rappreżentattiva bis-sħiħ tal-vettura li għandha tiġi prodotta u titqiegħed fis-suq u li l-ittestjar tal-vettura pprovduta ma jwassalx għal riżultati tat-test li jkunu sistematikament diverġenti mill-prestazzjoni ta' daww il-vetturi mħaddma taħt kundizzjonijiet li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jiġu ffaċċjati fit-tħaddim u fl-użu normali.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ia. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jinterpretaw u jinfurzaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament b'mod uniformi u konsistenti biex jevitaw li jiġu applikati standards diverġenti madwar l-Unjoni. Huma għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni u mal-Forum dwar l-Infurzar u l-Iskambju ta' Informazzjoni stabbilit bl-Artikolu 10 fl-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. **Dawn** għandhom josservaw il-kunfidenzjalità meta jkun meħtieġ sabiex jitħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għall-obbligu **ta'** informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) sabiex jitħarsu l-interessi tal-utenti fl-Unjoni.

Emenda

2. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. **Huma** għandhom josservaw il-kunfidenzjalità meta jkun meħtieġ sabiex jitħarsu s-sigrieti kummerċjali, **sakemm id-divulgazzjoni tagħhom ma tkunx fl-interess tal-pubbliku**, soġġett għall-obbligu **li tingħata** informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) sabiex jitħarsu l-interessi tal-utenti fl-Unjoni.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni fi ħdan Stat Membru għandhom **jikkooperaw ma' xulxin billi jaqsmu** informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

Emenda

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni fi ħdan Stat Membru għandhom **jimplimentaw proċeduri biex jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti u effettiva u qsim ta'** informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni **tista'** tadotta atti ta' implimentazzjoni **biex tistabilixxi** l-kriterji komuni għall-ħatra, ir-reviżjoni u l-

Emenda

5. Il-Kummissjoni **għandha** tadotta atti ta' implimentazzjoni **li jistabilixxu** l-kriterji komuni għall-ħatra, ir-reviżjoni u l-

valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni fil-livell nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni fil-livell nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu l-kontrolli regolari sabiex jivverifikaw il-konformità tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll il-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip. Dawk il-kontrolli għandhom isiru fuq skala adegwata, permezz ta' kontrolli dokumentarji u permezz ta' testijiet b'impetu reali u tal-laboratorju fuq il-bażi ta' kampjuni statistikament rilevanti. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw il-prinċipji stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, l-ilmenti u informazzjoni oħra.

Emenda

1. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu l-kontrolli regolari sabiex jivverifikaw il-konformità tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll il-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip. Dawk il-kontrolli għandhom isiru fuq skala adegwata, permezz ta' kontrolli dokumentarji u permezz ta' testijiet b'impetu reali u tal-laboratorju fuq il-bażi ta' kampjuni statistikament rilevanti, ***li jkunu rappreżentattivi għall-għadd ta' vetturi fl-Istat Membru kkonċernat***. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw il-prinċipji ***u l-protokollu xjentifiċi*** stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, ***li jinkludu l-ilmenti, il-popolarità ta' mudelli ta' vetturi u l-parts tagħhom, ir-riżultati ta' ttestjar minn partijiet terzi, mudelli ta' konsum għoli ħafna jew baxxa ħafna tal-fjuwil, l-ewwel applikazzjoni ta' magna jew teknoloġija ġdida, rapporti minn spezzjonijiet tekniċi perjodiċi, programmi ta' kampjunar bl-użu tat-telerilevament*** u informazzjoni oħra. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jagħtu segwitu għall-ilmenti ssostanzjati.***

Għall-fini tal-verifika tal-emissjonijiet mill-vetturi, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jagħmlu użu minn teknoloġija ta' telerilevament bħala għajnuna biex jidentifikaw il-mudelli ta'

vetturi li jniġġsu ħafna bil-għan li jiġu investigati ulterjorment. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkooperaw u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom mal-awtoritajiet responsabbli għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi skont id-Direttiva 2014/45/UE.

Meta servizzi tekniċi jiġu maħtura sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jiżguraw li jintuża servizz tekniku differenti minn dak li wettaq it-testijiet għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jitolbu lill-operaturi ekonomiċi sabiex jagħmlu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni disponibbli skont kif iqisu meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.

Emenda

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jitolbu lill-operaturi ekonomiċi sabiex jagħmlu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni, ***inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi***, disponibbli skont kif iqisu meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom. ***Dan għandu jinkludi aċċess għas-softwer, algoritmi, unitajiet tal-kontroll tal-magni rilevanti u kwalunkwe speċifikazzjoni teknika oħra li tista' tinħtieġ.***

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex javżaw lill-utenti ***fit-territorji tagħhom*** f'perjodu ta' żmien adegwat dwar il-perikli li jkunu identifikaw b'rabta ma' xi vettura,

Emenda

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex javżaw lill-utenti f'perjodu ta' żmien adegwat dwar il-perikli li jkunu identifikaw b'rabta ma' xi vettura, sistema, komponent

sistema, komponent **u** unità teknika separata sabiex jipprevjenu jew inaqqsu r-riskju ta' korriment jew ħsara oħra.

jew unità teknika separata sabiex jipprevjenu jew inaqqsu r-riskju ta' korriment jew ħsara oħra. **Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli online b'lingwa ċara u li tinftiehem.**

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jiddeċiedu li jirtiraw vettura, sistema, komponent **u** unità teknika separata mis-suq, skont l-Artikolu 49(5), għandhom jgħarrfu lill-operatur ekonomiku kkonċernat u **fejn applikabbli** l-awtorità tal-approvazzjoni rilevanti.

Emenda

5. Meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jiddeċiedu li jirtiraw vettura, sistema, komponent **jew** unità teknika separata mis-suq, skont l-Artikolu 49(5), għandhom jgħarrfu lill-operatur ekonomiku kkonċernat u l-awtorità tal-approvazzjoni rilevanti.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Għandhom josservaw il-kunfidenzjalità fejn ikun hemm bżonn sabiex iħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għall-obbligu **ta'** informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) kemm ikun hemm bżonn sabiex ikunu protetti l-interessi tal-utenti fl-Unjoni **Ewropea**.

Emenda

6. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. **Huma** għandhom josservaw il-kunfidenzjalità meta jkun meħtieġ sabiex jitħarsu s-sigrieti kummerċjali, **sakemm id-divulgazzjoni tagħhom ma tkunx fl-interess tal-pubbliku**, soġġett għall-obbligu **li jipprovdu** informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) kemm ikun hemm bżonn sabiex jitħarsu l-interessi tal-utenti fl-Unjoni.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 7

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull *erba'* snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn **u** lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku.

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull *tliet* snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Kummissjoni, ***lill-Forum dwar l-Infurzar u l-Iskambju ta' Informazzjoni stabbilit bl-Artikolu 10 u lil partijiet terzi fuq talba***. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku, ***u jindika b'mod partikolari l-għadd u l-isem tal-mudell ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament, flimkien mal-identità tal-manifatturi korrispondenti***.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, tal-inqas kull sentejn, rapport sommarju tal-kamp ta' applikazzjoni, l-iskala u r-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 9

9. Meta jkun hemm iktar minn awtorità waħda fi Stat Membru li tkun responsabbli għas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-fruntieri esterni, dawk l-awtoritajiet għandhom ***jikkooperaw ma' xulxin, billi jaqsmu*** informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

9. Meta jkun hemm iktar minn awtorità waħda fi Stat Membru li tkun responsabbli għas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-fruntieri esterni, dawk l-awtoritajiet għandhom ***jimplimentaw proċeduri biex jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti u effettiva u qsim ta'*** informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Il-Kummissjoni **tista'** tadotta atti **ta' implimentazzjoni** sabiex tistabbilixxi l-kriterji għall-istabbiliment tal-iskala, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza li biha jridu jsiru l-kontrolli tal-verifiki tal-konformità tal-kampjuni meħudin imsemmijin fil-paragrafu 1. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).**

Emenda

10. Il-Kummissjoni **għandha** tadotta atti **delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 88**, sabiex tistabbilixxi l-kriterji għall-istabbiliment tal-iskala, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza li biha jridu jsiru l-kontrolli tal-verifiki tal-konformità tal-kampjuni meħudin **kif** imsemmijin fil-paragrafu 1 **u l-kriterji għall-għażla tal-vetturi għall-ittestjar.**

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Verifika tal-konformità **mill-Kummissjoni** u koordinazzjoni tal-infurzar mal-Istati Membri

Emenda

Verifika tal-konformità **mill-Aġenzija Ewropea għas-Sorveljanza tal-Vetturi** u koordinazzjoni tal-infurzar mal-Istati Membri

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq, jew teħtieġ li jitwettqu, fuq skala adegwata, testijiet u spezzjonijiet ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin għad-dispożizzjoni fis-suq, bil-għan li tivverifika li dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mal-approvazzjonijiet tat-tip u l-leġislazzjoni applikabbli kif ukoll biex tiġi

Emenda

L-Aġenzija Ewropea għas-Sorveljanza tal-Vetturi (EVSA) (aktar 'il quddiem "l-Aġenzija") għandha torganizza u twettaq, jew teħtieġ li jitwettqu, fuq skala adegwata, testijiet u spezzjonijiet ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin għad-dispożizzjoni fis-suq, bil-għan li tivverifika li dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mal-

żgurata l-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip.

approvazzjonijiet tat-tip u l-leġiżlazzjoni applikabbli kif ukoll biex tiġi żgurata l-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M u N, l-Aġenzija għandha twettaq testijiet każwali ta' sorveljanza tas-suq fuq tal-inqas 20 % tal-mudelli l-ġodda mqegħdin fis-suq tal-Unjoni kull sena biex tivverifika jekk il-vetturi fit-triq jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza u ambjentali tal-Unjoni. Meta tagħżel il-vetturi għall-ittestjar, l-Aġenzija għandha tikkunsidra l-prinċipji stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, l-ilmenti, inklużi l-ittestjar minn parti terza, it-teknoloġiji ġodda fis-suq, ir-rapporti minn spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u informazzjoni oħra. L-Aġenzija għandha tagħti segwitu għall-ilmenti ssostanzjati.

Meta servizz tekniku jiġi maħtur għall-finijiet tal-ittestjar previsti b'dan il-paragrafu, l-Aġenzija għandha tiżgura li jintuża servizz tekniku differenti minn dak li wettaq it-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip oriġinali.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawk it-testijiet u spezzjonijiet **jistgħu jsiru** fuq vetturi ġodda forniti mill-manifatturi jew **l-operatur** ekonomiku kif previst fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt.

Dawk it-testijiet u spezzjonijiet **għandhom jitwettqu** fuq:

- vetturi, *sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati* ġodda forniti mill-manifatturi jew *mill-operatur* ekonomiku kif previst fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt;

- *vetturi rreġistrati bi qbil mad-detentur tar-reġistrazzjoni tal-vettura.*

Is-sid tal-vettura għandu jiġi kkompensat għall-ispejjeż marbuta mat-testijiet.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn it-testijiet u spezzjonijiet jistgħu iseħħu fil-każ ta' vetturi rreġistrati bi qbil mad-detentur ta' reġistrazzjoni tal-vettura

Emenda

imħassar

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip jew l-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, *għandhom* jipprovdu *lill-Kummissjoni, numru* statistikament rilevanti ta' vetturi tal-produzzjoni, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati magħżulin *mill-Kummissjoni* li *huma* rappreżentattivi għall-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati disponibbli għat-tqegħid fis-suq *b'dik l-approvazzjoni* tat-tip. Dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jiġu furnuti għall-ittestjar f'tali żmien u post u *għall-perjodu* li tkun teħtieġ *il-Kummissjoni*.

Emenda

2. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip jew l-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, jipprovdu *lill-Aġenzija, għadd* statistikament rilevanti ta' vetturi tal-produzzjoni, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati magħżulin *mill-Aġenzija* li *jkunu* rappreżentattivi *għall-aħħar* għall-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati disponibbli għat-tqegħid fis-suq *bl-approvazzjoni* tat-tip *ikkonċernata*. Dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jiġu furnuti għall-ittestjar f'tali żmien u post u *f'tali perjodu* li tkun teħtieġ *l-Aġenzija*. *Is-sid tal-vettura għandu jiġi kkompensat*

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex **il-Kummissjoni** tkun tista' tagħmel l-ittestjar imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri, għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni **tal-Kummissjoni** d-dejta kollha marbuta mal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati soġġetta għall-ittestjar tal-verifika tal-konformità. Din id-dejta għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu **li hemm referenza għalihom** fl-Artikolu 26(1).

Emenda

Sabiex **l-Aġenzija** tkun tista' tagħmel l-ittestjar imsemmi fil-paragrafi 1, **1a** u 2, l-Istati Membri, għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni **tal-Aġenzija** d-dejta kollha marbuta mal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati soġġetta għall-ittestjar tal-verifika tal-konformità. Din id-dejta għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu **kif imsemmi** fl-Artikolu 26(1).

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jagħtu l-assistenza kollha meħtieġa u jipprovdu d-dokumentazzjoni kollha u appoġġ tekniku ieħor li l-esperti tal-Kummissjoni jitolbu biex ikunu jistgħu jwettqu testijiet, kontrolli u spezzjonijiet.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tal-Kummissjoni jkollhom aċċess għall-bini kollu jew partijiet tal-bini u għall-informazzjoni, inklużi sistemi tal-kompjuter u softwer, rilevanti għat-twettiq ta' dmirijiethom.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu d-dejta li hija meħtieġa għall-fini tal-ittestjar tal-verifika tal-konformità minn partijiet terzi pubblika. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi d-dejta li għandha ssir pubblika u l-kundizzjonijiet għal tali publikazzjoni, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-preservazzjoni tad-dejta personali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda

4. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu d-dejta li hija meħtieġa għall-fini tal-ittestjar tal-verifika tal-konformità minn partijiet terzi pubblika. ***Dik id-dejta għandha tinkludi b'mod partikolari parametri u konfigurazzjonijiet li huma meħtieġa sabiex jiġu rreplikati b'mod preċiż il-kundizzjonijiet tat-test li ġew applikati fiż-żmien tal-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip.*** Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi d-dejta li għandha ssir pubblika u l-kundizzjonijiet għal tali publikazzjoni, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-preservazzjoni tad-dejta personali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-vetturi ttestjati jew spezzjonati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'dan ir-Regolament jew kwalunkwe att regolatorju elenkat fl-Anness IV jew li l-approvazzjoni tat-tip tkun inġat abbażi ta' dejta inkorretta, din għandha titlob skont l-Artikolu 54(8) ***mingħajr dewmien lill-operatur ikkonċernat*** biex jieħu l-miżuri korrettivi kollha meħtieġa biex iġib il-vetturi f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jew inkella ***jieħu*** miżuri restrittivi, jew billi titlob lill-operatur ekonomiku biex jirtira l-vetturi kkonċernati mis-suq, jew li ***ssejjahom*** lura f'perjodu raġonevoli ta'

Emenda

Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-vetturi, ***il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati*** ttestjati jew spezzjonati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'dan ir-Regolament jew kwalunkwe att regolatorju elenkat fl-Anness IV jew li l-approvazzjoni tat-tip tkun inġat abbażi ta' dejta inkorretta, din għandha, ***mingħajr dewmien***, titlob ***lill-operatur ikkonċernat***, skont l-Artikolu 54(8), biex jieħu l-miżuri korrettivi kollha meħtieġa biex iġib il-vetturi, ***il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati*** f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jew inkella ***tieħu*** miżuri restrittivi, jew billi titlob lill-operatur

żmien, skont is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità stabbilit.

ekonomiku biex jirtira l-vetturi, *il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati* kkonċernati mis-suq, jew li *jsejjaħhom* lura f'perjodu raġonevoli ta' żmien, skont is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità stabbilit.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda mill-Kummissjoni skont it-testijiet ta' verifika tagħha għandha tapplika madwar l-Unjoni u għandha tiġi implimentata mill-awtoritajiet nazzjonali b'mod armonizzat u konsistenti. Tali azzjoni korrettiva madwar l-Unjoni tista' tinkludi l-ħlas ta' kumpens uniformi għall-konsumaturi jekk il-prestazzjoni oriġinali tal-vetturi kienet alterata wara l-azzjoni korrettiva meħuda, u kumpens finanzjarju għal kwalunkwe impatt negattiv estern (f'termini tal-kwalità tal-arja, saħħa pubblika, eċċ.).

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tippubblika *rapport* dwar is-sejbiet tagħha wara kull test ta' verifika tal-konformità li twettaq.

L-Aġenzija għandha tippubblika *rapporti annwali* dwar is-sejbiet tagħha wara kull test ta' verifika tal-konformità li twettaq. *Dawk ir-rapporti għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, u għandhom jinkludu informazzjoni dwar ir-riżultati tat-testijiet imwettqa u dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li mhumiex konformi, inkluża l-identità tal-manifatturi*

korrispondenti.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni ta' segwitu xierqa fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport li jirriżulta mit-testijiet tal-verifika tal-konformità, u għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jivverifikaw il-funzjonament u l-organizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u jinvestigaw problemi sinifikanti u rikorrenti fl-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Aġenzija b'konformità ma' dan l-Artikolu meta dawn ir-rakkomandazzjonijiet jkunu diretti għal Stat Membru wieħed jew aktar. Jekk Stat Membru jonqos milli japplika rakkomandazzjoni maħruġa mill-Aġenzija, jew jiddevja minnha, dak l-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bir-raġunijiet tiegħu għal dan. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-raġunijiet mogħtija u fejn ma tqisx il-miżuri meħuda bħala ġġustifikati, hija għandha, b'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, titlob l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni jew l-adozzjoni ta' miżuri alternattivi.

F'każijiet fejn in-nuqqas ripetut li jiġu

implimentati r-rakkomandazzjonijiet jew il-miżuri alternattivi msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 10(2) iwassal għal nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tissospendi l-awtorizzazzjoni għall-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru kkonċernat biex taċċetta applikazzjonijiet għal ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE skont l-Artikolu 21.

Fi żmien xahrejn mis-sospensjoni ta' din l-awtorizzazzjoni skont it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Istati Membri dwar is-sejbiet tagħha fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità. Meta jkun meħtieġ, sabiex tiżgura s-sikurezza tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin fis-suq, il-Kummissjoni għandha tordna lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ikkonċernati jissospendu, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, kwalunkwe ċertifikat li ma kellux jinħareġ.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5b. L-Aġenzija għandha tiġi ffinanzjata permezz ta' tariffi nazzjonali mħallsa mill-manifattur u imposti fuq il-vetturi ġodda kollha mibjugħa fl-Unjoni skont l-Artikolu 30(2a).

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Forum *għall-Iskambju* ta' Informazzjoni
dwar l-Infurzar

Emenda

Forum *dwar l-Infurzar u l-Iskambju* ta'
Informazzjoni

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha
tistabbilixxi *u tippresjedi* Forum *għall-Iskambju* ta' Informazzjoni *dwar l-Infurzar* (“il-Forum”).

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha
tistabbilixxi Forum *dwar l-Infurzar u l-Iskambju* ta' Informazzjoni (“il-Forum”).
Il-Forum għandu jkun ippresedut mill-Aġenzija.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dan il-Forum għandu jkun magħmul minn
membri maħturin mill-Istati Membri.

Emenda

Il-Forum għandu jkun magħmul minn
membri maħturin mill-Istati Membri *u minn rappreżentanti tal-Kummissjoni. Huwa għandu jinkludi, bħala osservaturi, rappreżentanti ta' servizzi tekniċi, organizzazzjonijiet ta' ttestjar minn partijiet terzi, NGOs fil-qasam tas-sikurezza u l-ambjent u gruppi tal-konsumaturi.*

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kompiti *ta' konsulenza* tiegħu
għandhom jinkludu, *inter alia, il-promozzjoni ta' prassi* tajba, *l-iskambju ta'*

Emenda

Il-kompiti tiegħu għandhom jinkludu:

informazzjoni dwar il-problemi ta' infurzar, il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ta' metodi tax-xogħol u għodod, żvilupp ta' proċedura ta' skambju ta' informazzjoni elettronika, l-evalwazzjoni ta' proġetti ta' infurzar armonizzati, il-penali, u l-ispezzjonijiet konġunti.

(a) il-kontribut għall-promozzjoni ta' prattiki tajba mmirati sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u armonizzata ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni, il-ħatra u l-monitoraġġ ta' korpi maħtura u l-applikazzjoni ġenerali tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u inkluża l-kunsiderazzjoni ta' evidenza jew informazzjoni oħra mitluba minn partijiet terzi rilevanti;

(b) l-assistenza lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluża koordinazzjoni tal-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq nazzjonali, fuq bażi reġjonali jew pan-Ewropea;

(c) it-twettiq ta' awditi konġunti tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali kull tliet snin biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u biex jiġi kkontrollat jekk ikunux qed iwettqu dmiriethom b'mod indipendenti u rigoruż. Dawk l-awditi għandhom jinkludu verifika tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali implimentati, kontroll fuq kampjun każwali tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa u żjara fuq il-post lil servizz tekniku li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità riveduta. L-Aġenzija tista' tipparteċipa f'dawk l-awditi u tista' tibbaża d-deċiżjoni tagħha dwar jekk tipparteċipax jew le abbażi ta' analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju;

(d) il-valutazzjoni tar-riżultati tar-reviżjonijiet tal-funzjonament tal-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-għoti ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali

abbażi ta' waħda jew aktar minn dawn ir-reviżjonijiet;

(e) il-valutazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjonijiet, kemm skont l-Artikolu 80(3a) kif ukoll wara valutazzjoni konġunta skont l-Artikolu 80(4), tal-funzjonament tas-servizzi tekniċi u l-ġhoti ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali abbażi ta' waħda jew aktar minn dawn ir-reviżjonijiet;

(f) il-valutazzjoni tal-effettività tal-attivitajiet ta' infurzar, inklużi, fejn rilevanti, il-konsistenza u l-effettività ta' kwalunkwe tiswija, sejħa lura jew penali applikata mill-Istati Membri fejn il-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati affettwati min-nuqqas ta' konformità mqegħdin fis-suq f'aktar minn Stat Membru wieħed, u, fejn mitlub mill-Kummissjoni, l-ġhoti ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali li jirriżultaw minn tali valutazzjoni. Dik il-valutazzjoni għandha titwettaq tal-inqas kull sentejn.

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-deċiżjonijiet kollha meħuda u r-rakkomandazzjonijiet li jkun hemm qbil dwarhom mal-Forum għandhom isiru pubbliċi inklużi dawk li jikkonċernaw is-sejħiet lura.

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)**

2a. Il-Forum għandu jistabbilixxi kumitat permanenti ta' għaxar awdituri indipendenti u rappreżentant tal-Kummissjoni ('il-kumitat permanenti') sabiex iwettaq awditi regolari tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bil-ħsieb li jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-monitoraġġ, b'mod indipendenti, effiċjenti u effettiv, ta' dawk l-awtoritajiet fit-twettiq ta' dmirijiethom.

L-awditi għandhom ikunu soġġetti għal skrutinju indipendenti u għandhom jitwettqu b'mod trasparenti.

Huma għandhom jinkludu dan li ġej, kif xieraq:

(a) valutazzjoni tal-proċeduri u l-protokoll applikati fl-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq;

(b) valutazzjoni tal-ħatra tas-servizzi tekniċi;

(c) żjarat fuq il-post u intervisti ma' persunal tal-awtoritajiet nazzjonali u s-servizzi tekniċi maħtura;

(d) kontrolli fuq il-laboratorji, faċilitajiet, strumenti tal-kejl u metodi ta' kampjunar;

(e) valutazzjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa;

(f) kull attività oħra meħtieġa biex ikunu identifikati każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

L-awdituri jistgħu jikkuntrattaw lil parti terza biex tassisti fl-awditi.

L-awdituri, u l-partijiet terzi kkuntrattati, għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Huma għandhom josservaw il-kunfidenzjalità fejn ikun hemm bżonn sabiex iħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għall-

obbligu tal-għoti ta' informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) sakemm ikun hemm bżonn sabiex ikun protett l-interess tal-utenti u taċ-ċittadini fl-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jagħtu l-assistenza kollha meħtieġa u għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni u l-appoġġ kollu li l-awdituri jistgħu jitolbu biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awdituri jingħataw aċċess għall-bini kollu jew partijiet tal-bini u għall-informazzjoni kollha, inkluża l-informazzjoni miżmuma f'sistemi tal-kompjuter u softwer, rilevanti għat-tweġiq ta' dmirijiethom.

Il-Forum għandu jagħmel ir-riżultati tal-awditi disponibbli għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu azzjoni ta' segwitu xierqa fid-dawl tal-informazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti li jirriżultaw mill-awditi.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni **għandha tingħata** s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 88 biex tistabbilixxi l-għamla, il-proċess ta' ħatra, il-kompiti ddettaljati, il-metodi ta' ħidma u r-regoli tal-proċedura tal-Forum.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 10a (ġdid)

Emenda

3. Il-Kummissjoni **hija mogħtija** s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 88 biex **tissupplimenta dan ir-Regolament billi** tistabbilixxi l-għamla, il-proċess ta' ħatra, il-kompiti ddettaljati, il-metodi ta' ħidma u r-regoli tal-proċedura tal-Forum **u tal-kumitat permanenti tal-awdituri.**

Artikolu 10a

Bażi ta' dejta tal-approvazzjoni tat-tip online

1. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi u tmantni bażi ta' dejta tal-approvazzjoni tat-tip online, li tikkonsisti f'żewġ interfaċċji differenti: l-interfaċċja tal-pubbliku u l-interfaċċja tal-konformità.

2. L-interfaċċja tal-pubbliku għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IX għal dan ir-Regolament, ir-riżultati tat-test, l-ispeċifikazzjonijiet tal-ittestjar u l-identità tas-servizzi tekniċi u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip involuti fl-istadji differenti tal-approvazzjoni tat-tip, li jirrispettaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-informazzjoni għandha tingħata mingħajr ħlas;

(b) l-informazzjoni jeħtieġ li tingħata b'mod faċli għall-utent;

(c) l-informazzjoni jeħtieġ li tkun tista' titfittex bis-sħiħ u f'format diġitali.

3. L-interfaċċja tal-konformità għandha tkun aċċessibbli għall-Istati Membri, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni u għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 u l-informazzjoni stabbilita fl-Annessi I u III għal dan ir-Regolament, li jirrispettaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom jiġu żgurati arranġamenti ta' sikurezza stretta għas-salvagwardja ta' informazzjoni kunfidenzjali;

(b) id-drittijiet ta' aċċess jeħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipju tal-hteġa ta' tagħrif;

(c) jeħtieġ li tiġi pprovduta link għas-Sistema ta' Informazzjoni u

Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) imwaqqfa skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

4. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jinkludu fil-bażi ta' dejta tal-konformità l-informazzjoni meħtieġa mill-Annessi I u III għal dan ir-Regolament mal-ħruġ jew l-irtirar ta' approvazzjoni tat-tip ġdida, informazzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u informazzjoni dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva prevista u meħuda.

5. Meta jdaħħlu informazzjoni fil-bażi ta' dejta, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom iżommu d-dritt li jaċċessaw dik l-informazzjoni u d-dritt li jimmodifikawha. Kwalunkwe bidla mwettqa għandha tkun iddatata u viżibbli b'mod ċar. Id-dejta fl-interfaċċja tal-konformità għandha tintuża biss għall-għanijiet marbuta mal-infurzar skont dan ir-Regolament, u kwalunkwe att adottat skontu, u kull użu mhux awtorizzat, għandhom ikunu pprojbiti.

6. Il-bażijiet ta' dejta għandhom ikunu stabbiliti b'mod li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, u skont il-prinċipji tal-faċilità tal-użu mill-utent u tal-kost-effettività. L-eżistenza ta' bażi ta' dejta tal-approvazzjoni tat-tip online m'għandhiex tissostitwixxi jew timmodifika r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

7. Biex tiġi ttestjata l-adegwatezza tal-użu tal-IMI għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni abbażi ta' dan l-Artikolu, għandu jitnieda proġett pilota sa ... [3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

8. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 88 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji operazzjonali li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' bażi ta' dejta tal-

approvazzjoni tat-tip online.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. *Meta japplikaw għal approvazzjoni tat-tip tal-UE, il-manifatturi għandhom juru u jiddikjaraw bil-miktub lill-awtorità tal-approvazzjoni li d-disinn ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ma jinkorporax strateġiji li jnaqqsu b'mod mhux meħtieġ il-prestazzjoni murija waqt proċeduri ta' test rilevanti meta l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jitħaddmu taħt kundizzjonijiet li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jiġu ffaċċjati fit-tħaddim u fl-użu normali.*

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-manifattur għandu jgħarraf minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni fid-dettall dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżuri meħuda.

Il-manifattur għandu jgħarraf minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni **u lill-Aġenzija** fid-dettall dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżuri meħuda.

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-manifattur għandu, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali, **jipprovdil dik l-awtorità**, permezz tal-awtorità tal-

Il-manifattur għandu, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali **jew l-Aġenzija, jipprovdilha**, permezz tal-awtorità tal-

approvazzjoni, b'kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew bl-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) li turi l-konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata, b'lingwa li tista' tintfiehem faċilment mill-awtorità nazzjonali.

approvazzjoni, b'kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew bl-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) li turi l-konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata, b'lingwa li tista' tintfiehem faċilment mill-awtorità nazzjonali ***kkonċernata***.

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***isegwi*** talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, ***jipprovidi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni*** u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata;

Emenda

(b) ***wara*** talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni ***jew mill-Aġenzija, jipprovdilha l-informazzjoni*** u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, ***inklużi kwalunkwe speċifikazzjoni teknika fl-approvazzjoni tat-tip u aċċess għal softwer u algoritmi kif mitlub***;

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***Jikkoopera*** mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni jew tas-sorveljanza tas-suq, fuq it-talba tagħhom, dwar kull azzjoni meħuda biex telimina r-riskju serju li jirrappreżentaw vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir koperti minn dak il-mandat tagħhom;

Emenda

(c) ***jikkoopera*** mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni jew tas-sorveljanza tas-suq ***jew mal-Aġenzija***, fuq it-talba tagħhom, dwar kull azzjoni meħuda biex telimina r-riskju serju li jirrappreżentaw vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir koperti minn dak il-mandat tagħhom;

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. *L-importatur għandu jgħarraf minnufih lill-manifattur dwar ilmenti u rapporti relatati ma' riskji, inċidenti suspetti, u kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità li jikkonċernaw vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir importati.*

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip approvat ta' vettura fl-istadju finali jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha fil-mument tal-approvazzjoni. **Verifika** għandha tinkludi kontroll dokumentarju tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura mhux kompleta mogħtija matul il-kors tal-proċedura f'diversi stadji, anki meta din tkun ingħatat għal kategorija differenti ta' vettura.

4. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip approvat ta' vettura fl-istadju finali jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha fil-mument tal-approvazzjoni. **Verifika** għandha tinkludi kontroll dokumentarju tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura mhux kompleta mogħtija matul il-kors tal-proċedura f'diversi stadji, anki meta din tkun ingħatat għal kategorija differenti ta' vettura. **L-awtorità li tapprova l-vettura fl-istadju finali tagħha għandha tkun responsabbli biex tiżgura li l-vettura kompleta tissodisfa r-rekwiżiti kollha, u għandha, fejn meħtieġ, tirrepeti testijiet oriġinali biex tivverifika li l-prestazzjoni ta' sistemi u komponenti li kienu approvati b'mod separat ikunu għadhom konformi ma' daww l-approvazzjonijiet tat-tip meta inkorporati f'vettura kompleta.**

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. *Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli għall-awtorità tal-approvazzjoni l-vetturi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati kollha meħtieġa skont id-Direttivi jew ir-Regolamenti separati rilevanti għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.*

Emenda 74

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) *deskrizzjonijiet tekniċi dettaljati u speċifikazzjonijiet ta' kalibrazzjoni għall-komponenti kollha relatati mal-emissjonijiet (Strateġija ta' Emissjonijiet Bażi);*

Emenda 75

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) *lista tal-apparati ta' manipulazzjoni kollha jew kwalunkwe Strateġija ta' Emissjonijiet Awżiljarja, inkluża deskrizzjoni tal-parametri li huma mmodifikati minn kwalunkwe AES u l-kundizzjonijiet ta' limitu li skonthom topera dik l-AES, u indikazzjoni ta' liema AES u BES x'aktarx li jkunu attivi taħt firxa ta' kundizzjonijiet tal-ambjent, deskrizzjonijiet tekniċi dettaljati u speċifikazzjonijiet ta' kalibrazzjoni, u ġustifikazzjoni dettaljata ta' kull apparat ta' manipulazzjoni li jirriżulta fi tnaqqis tal-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, flimkien ma' dikjarazzjoni*

tar-raġunijiet għaliex l-apparat ta' manipulazzjoni użat mhuwiex apparat ta' manipulazzjoni pprojbit skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007;

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-folder ta' informazzjoni għandu jiġi furnut f'format elettroniku li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni ***iżda għandu*** jiġi furnut ***ukoll*** f'format stampat.

Emenda

2. Il-folder ta' informazzjoni għandu jiġi furnut f'format elettroniku li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni. ***Dan jista'*** jiġi furnut ***addizzjonalment*** f'format stampat.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

3a. Fejn titressaq applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa, il-manifattur għandu jipprovdi informazzjoni dettaljata, inklużi spjegazzjonijiet tekniċi, dwar kwalunkwe Strateġija Awżiljarja tal-Magna użata barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonijiet speċifikati fl-atti leġiżlattivi rilevanti tal-Unjoni u fil-proċeduri tal-ittestjar.

Emenda

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi għandu jkollhom aċċess għas-

Emenda

L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi għandu jkollhom aċċess għas-

softwer u *l-algoritmi* tal-vettura.

softwer *u l-hardwer relatati mas-sikurezza u l-emissjonijiet* u *għall-algoritmi* tal-vettura *u għandhom jingħataw informazzjoni xierqa dwar il-proċess tal-iżvilupp tas-sistema tas-softwer u l-hardwer ikkonċernati, filwaqt li jitqiesu l-funzjonijiet rispettivi tagħhom.*

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-manifattur għandu jikkomunika lill-awtorità tal-approvazzjoni u lis-servizz tekniku responsabbli, f'formola standardizzata, il-verżjoni tas-softwer relatat mas-sikurezza u l-emissjonijiet użata fil-mument tal-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip. Sabiex jiġu identifikati bidliet illegali sussegwenti għas-softwer, is-servizz tekniku għandu jkun intitolat jimmarka s-softwer billi jissettja parametri korrispondenti.

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtorità ta' approvazzjoni *tista'*, fuq talba motivata, *titlob ukoll* lill-manifattur iforni kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex *tkun tista' tiegħu Deċiżjoni* dwar liema testijiet huma meħtieġa, jew inkella biex tiffaċilita t-tweqqig ta' dawk it-testijiet.

L-awtorità ta' approvazzjoni *u s-servizz tekniku responsabbli jistgħu*, fuq talba motivata, *jitolbu wkoll* lill-manifattur iforni kull informazzjoni addizzjonali *li tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni* dwar liema testijiet huma meħtieġa, jew inkella biex jiffaċilitaw it-tweqqig ta' dawk it-testijiet.

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtorità ta' approvazzjoni u s-servizz tekniku responsabbli għandhom josservaw il-kunfidenzjalità fejn ikun hemm bżonn sabiex iħarsu s-sigrieti kummerċjali, sakemm id-divulgazzjoni tagħhom ma tkunx fl-interess pubbliku, soġġett għall-obbligu li tingħata l-informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) sabiex ikunu protetti l-interessi tal-utenti fl-Unjoni.

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-validità tal-ġustifikazzjoni mogħtija għall-installazzjoni ta' apparat ta' manipulazzjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007;

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE meta hija ssib li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, minkejja li huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, jippreżenta riskju *serju* għas-sikurezza jew jista' jkun ta' dannu serju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika. F'dak il-każ, hija għandha tibgħat minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fajl dettaljat li jispjega r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha u li

5. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE meta hija ssib li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, minkejja li huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, jippreżenta riskju għas-sikurezza jew jista' jkun ta' dannu serju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika. F'dak il-każ, hija għandha tibgħat minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fajl dettaljat li jispjega r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha u li

jistabbilixxi l-evidenza għas-sejbiet tagħha.

jistabbilixxi l-evidenza għas-sejbiet tagħha.

Emenda 84

**Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-awtorità tal-approvazzjoni tista' tirrifjuta li tapprova apparat ta' manipulazzjoni tal-kontroll tal-emissjonijiet tal-vettura fuq il-bażi tal-informazzjoni inkluża fil-folder ta' informazzjoni.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE fejn issib li apparat ta' manipulazzjoni jkun ġie inkorporat illegalment.

Emenda 85

**Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 88 li jissupplimentaw lil dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-kriterji li skonthom applikazzjoni għal waħda mill-eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni ta' apparat ta' manipulazzjoni tal-kontroll tal-emissjonijiet tal-vettura skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandha tiġi evalwata u l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tiġi approvata jew miċħuda.

Emenda 86

**Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tibgħat, ***f'intervalli ta' tliet xhur***, lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn ***u l-Kummissjoni***, lista tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li hija ħarġet, emendat, irrifjutat li tagħti jew irtirat matul il-perjodu preċedenti. Dik il-lista għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XIV.

Emenda

2. ***Kull tliet xhur***, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, ***lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija***, lista tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li hija ħarġet, emendat, irrifjutat li tagħti jew irtirat matul il-perjodu preċedenti. Dik il-lista għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XIV.

Emenda 87

**Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-konformità mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV għandha tintwera permezz ta' testijiet xierqa b'konformità mal-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV, imwettqa mis-servizzi tekniċi nnominati.

Emenda

1. Il-konformità mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV għandha tintwera permezz ta' testijiet xierqa b'konformità mal-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV, ***imwettqa biss u fis-sħuħija tagħhom***, mis-servizzi tekniċi nnominati, ***mill-awtorità nazzjonali rilevanti jew mill-Kummissjoni***.

Emenda 88

**Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-manifattur għandu jipprovdi ***lill-awtorità tal-approvazzjoni bil-vetturi***, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma mitluba skont l-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.

Emenda

2. Il-manifattur għandu jipprovdi ***lis-servizz tekniku l-vetturi***, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma mitluba skont l-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li huma rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat.

Emenda

3. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li huma **strettament** rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat.

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-vetturi magħżula għall-ittestjar ma jwasslux għal riżultati sistematikament diverġenti mill-prestazzjoni ta' dawk il-vetturi meta jitħaddmu taħt kundizzjonijiet li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jiġu ffaċċjati fit-tħaddim u fl-użu normali.

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu pubblika d-dejta li hija meħtieġa għall-fini tal-ittestjar tal-verifika tal-konformità minn partijiet terzi. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi d-dejta li għandha ssir pubblika u l-kundizzjonijiet għal tali publikazzjoni, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-preservazzjoni tad-dejta

personali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Sabiex tivverifika li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata huma konformi mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha twettaq il-kontrolli jew mit-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE, fuq kampjuni meħuda fil-bini tal-manifattur, inklużi l-faċilitajiet tal-produzzjoni.

Emenda

4. Sabiex tivverifika li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata huma konformi mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha twettaq il-kontrolli jew it-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE, fuq kampjuni meħuda **każwalment** fil-bini tal-manifattur, inklużi l-faċilitajiet tal-produzzjoni **jew l-istabbiliment tal-kummerċ**. **Dawk it-testijiet għandhom jitwettqu minn servizz tekniku differenti minn dak li wettaq l-ittestjar oriġinali għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip.**

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE **u li** tistabbilixxi li l-manifattur ma għadux jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità mat-tip approvat, jew li tistabbilixxi li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx konformi mal-Artikoli 34 u 35, anki jekk il-produzzjoni titkompla, għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-proċedura għall-konformità tal-produzzjoni tiġi segwita b'mod korrett jew

Emenda

5. **Meta** awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE tistabbilixxi li l-manifattur ma għadux jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità mat-tip approvat, jew li tistabbilixxi li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx konformi mal-Artikoli 34 u 35, anki jekk il-produzzjoni titkompla, **hija** għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-proċedura għall-konformità tal-produzzjoni tiġi segwita b'mod korrett **u**

inkella tirtira l-approvazzjoni tat-tip.

immedjatament terġa' tinġieb f'konformità jew inkella *għandha* tirtira l-approvazzjoni tat-tip.

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu struttura tat-tariffi nazzjonali sabiex ikopru l-kostijiet għall-attivitajiet ta' **approvazzjonijiet** tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq tagħhom kif ukoll għall-ittestjar u l-ispezzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni mwettqin mis-servizzi tekniċi li għażlu.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu struttura tat-tariffi nazzjonali sabiex ikopru l-kostijiet għall-attivitajiet ta' **approvazzjoni** tat-tip u **l-attivitajiet** ta' sorveljanza tas-suq tagħhom kif ukoll għall-ittestjar u l-ispezzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni mwettqin mis-servizzi tekniċi li għażlu. **It-tariffi ma għandhomx ikunu imposti direttament mis-servizzi tekniċi.**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess bejn l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq nazzjonali, is-servizzi tekniċi u l-manifatturi.

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Dawn** it-tariffi nazzjonali għandhom ikunu imposti fuq il-manifatturi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru kkonċernat. It-tariffi **ma għandhomx ikunu imposti direttament mis-servizzi tekniċi.**

Emenda

2. It-tariffi nazzjonali **rigward l-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip** għandhom ikunu imposti fuq il-manifatturi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru kkonċernat.

It-tariffi **miġbura għandhom jintużaw esklussivament għall-fini tal-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip.**

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. It-tariffi nazzjonali fir-rigward l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jiġu imposti fuq il-manifatturi mill-Istat Membru fejn il-prodotti kkonċernati jitqiegħdu fis-suq u għandhom jammontaw għal EUR 10 għal kull vettura mibjugħa.

It-tariffi miġbura għandhom jintużaw esklussivament għall-fini tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq.

L-Istati Membri għandhom ta' kull sena jinnotifikaw id-dettalji tat-tariffi miġbura u l-kost totali annwali tal-ittejjar tas-sorveljanza mwettaq b'konsegwenza, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni permezz tal-Forum. L-ewwel tali notifika għandha sseħħ fi ... [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. **L-istruttura tat-tariffi** nazzjonali, **għandha tkopri** wkoll l-ispejjeż għall-ispezzjonijiet u t-testijiet ta' verifika tal-konformità mwettqa **mill-Kummissjoni** skont l-Artikolu 9. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu d-dħul estern assenjat għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju²⁶.

3. **It-tariffi** nazzjonali **li jikkonċernaw l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, għandhom ikopru** wkoll l-ispejjeż għall-ispezzjonijiet u t-testijiet ta' verifika tal-konformità mwettqa **mill-Aġenzija** skont l-Artikolu 9. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu d-dħul estern assenjat għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju²⁶.

²⁶Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u

²⁶Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1–96).

tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi ż-żieda msemmija fil-paragrafu 3 li trid tiġi applikata għat-tariffi nazzjonali **msemmijin** fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi ż-żieda msemmija fil-paragrafu 3 li trid tiġi applikata għat-tariffi nazzjonali **li jikkonċernaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq imsemmijin** fil-paragrafu 2a. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-emenda għandha tissejjaħ 'reviżjoni' meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li, minkejja l-bidla fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni, it-tip ikkonċernat ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkompli jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli għal dan it-tip u li, għalhekk, ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti spezzjonijiet jew testijiet.

Emenda

L-emenda għandha tissejjaħ 'reviżjoni' meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li, minkejja l-bidla fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni, it-tip ikkonċernat ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkompli jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli għal dan it-tip u li, għalhekk, ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti spezzjonijiet jew testijiet. **Fl-evalwazzjoni ta' dawn ir-reviżjonijiet, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tqis ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq rilevanti mwettqa skont l-Artikolu 8.**

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ir-riżultati tal-ittestjar ta' verifika mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq juru xi nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjonijiet dwar is-sikurezza u ambjentali tal-Unjoni;

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Tmiem tal-validità

Verifika perjodika u tmiem tal-validità

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-approvazzjonijiet tat-tip għal vetturi, *sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati* għandhom *jinħarġu għal* perjodu *limitat ta' 5 snin mingħajr il-possibbiltà ta' tiġdid. Id-data ta' skadenza* għandha *tiġi indikata fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip. Wara l-iskadenza* taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, *dan jista' jiġġedded wara applikazzjoni mill-manifattur u biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika separata huwa* konformi mar-rekwiżiti kollha tal-atti regolatorji rilevanti għall-vetturi, *is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati* ġodda ta' dak it-tip.

1. L-approvazzjonijiet tat-tip għal vetturi għandhom *jiġu vverifikati wara* perjodu *ta' erba' snin wara l-ewwel approvazzjoni jew il-verifika preċedenti tagħhom. Il-verifika* għandha *titwettag mill-Aġenzija, bl-użu ta' servizz tekniku differenti minn dik li jkun wettag l-approvazzjoni oriġinali. Il-verifika* taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip *għandha taċċerta jekk it-tip ta' vettura huwiex* konformi mar-rekwiżiti kollha tal-atti regolatorji rilevanti *applikati* għall-vetturi ġodda *kollha* ta' dak it-tip *f'dak il-mument.*

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jekk l-Aġenzija tiskopri xi irregolaritajiet jew nuqqas ta' konformità, hija għandha tesiġi li jittieħdu miżuri korrettivi jew inkella tiddikjara li l-approvazzjoni tat-tip tkun skadiet.

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura għandha ssir invalida **qabel id-data ta' skadenza tagħha** fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta r-rekwiżiti ġodda applikabbli għat-tip approvat ta' vettura jsiru obbligatorji għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għad-dħul fis-servizz tal-vetturi u meta l-approvazzjoni tat-tip ma tkunx tista' tiġi estiża skont il-punt (ċ) tal-Artikolu 32(2);

(b) meta l-produzzjoni tal-vetturi f'konformità mat-tip approvat ta' vettura titwaqqaf b'mod permanenti **fuq bażi volontarja**;

(c) meta l-validità taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tiskadi minħabba restrizzjoni msemmija fl-Artikolu 37(6);

(d) meta l-approvazzjoni tat-tip tkun ġiet irtirata b'konformità mal-Artikolu 29(5) jew mal-Artikolu 53(1);

(e) meta l-approvazzjoni tat-tip tkun instabet li hija bbażata fuq dikjarazzjonijiet foloz, riżultati tal-ittestjar iffalsifikati jew

2. Approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura għandha ssir invalida fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta r-rekwiżiti ġodda applikabbli għat-tip approvat ta' vettura jsiru obbligatorji għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għad-dħul fis-servizz tal-vetturi u meta l-approvazzjoni tat-tip ma tkunx tista' tiġi estiża skont il-punt (ċ) tal-Artikolu 32(2);

(b) meta l-produzzjoni tal-vetturi f'konformità mat-tip approvat ta' vettura titwaqqaf b'mod permanenti, **jiġifieri meta fuq perjodu ta' sentejn ma tkun ġiet prodotta l-ebda vettura tat-tip ikkonċernat**;

(c) meta l-validità taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tiskadi minħabba restrizzjoni msemmija fl-Artikolu 37(6);

(d) meta l-approvazzjoni tat-tip tkun ġiet irtirata b'konformità mal-Artikolu 29(5) jew mal-Artikolu 53(1);

(e) meta l-approvazzjoni tat-tip tkun instabet li hija bbażata fuq dikjarazzjonijiet foloz **jew** riżultati tal-ittestjar iffalsifikati

fejn inżammet dejta li kienet twassal għar-rifjut ta' għoti ta' approvazzjoni tat-tip.

jew fejn inżammet dejta li kienet twassal għar-rifjut ta' għoti ta' approvazzjoni tat-tip;

(ea) meta l-verifika tal-approvazzjoni tat-tip ma tkunx twettqet b'konformità mal-Artikolu 33(1).

Emenda 105

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. *Meta ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkun wasal biex isir invalidu, il-manifattur għandu jinnotifika b'dan mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE.*

imħassar

Emenda 106

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Wara li tirċievi n-notifika magħmula mill-manifattur, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tikkomunika mingħajr dewmien lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri u l-Kummissjoni l-oħrajn l-informazzjoni kollha rilevanti għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għad-dħul fis-servizz tal-vetturi, fejn xieraq.

L-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, *jew l-Aġenzija li tkun ivverifikatha*, għandha, mingħajr dewmien *tikkomunika* lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri u l-Kummissjoni l-oħrajn l-informazzjoni kollha rilevanti għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għad-dħul fis-servizz tal-vetturi, fejn xieraq.

Emenda 107

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jkun fih il-fattur ta' konformità speċifiku għall-vettura kif imkejjel skont it-test tal-emissjonijiet f'sewqan reali f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/646.

Emenda 108

Proposta għal regolament Artikolu 36a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 36a

Rimedji għall-konsumaturi

Meta parti, unità teknika, sistema jew vettura sħiħa mibjugħa fl-Unjoni tinsab li ma tkunx konformi maċ-ċertifikat ta' konformità u r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip, il-konsumatur għandu jkun intitolat li l-vettura tiegħu tinġieb f'konformità permezz ta' bdil jew tiswija, jew għal rifużjoni sħiħa mill-manifattur, jew għal rifużjoni parzjali meta l-vettura tkun inġiebet f'konformità iżda fejn il-kostijiet operazzjonali u ta' manutenzjoni tal-vettura jkunu oġhla minn kif irreklammat oriġinarjament fil-kuntratt.

Meta l-konsumatur jagħżel it-tiswija jew il-bdil, il-manifattur għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu vettura ta' korteżija bla ħlas sakemm issir it-tiswija jew isir il-bdil.

Emenda 109

Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

2a. L-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-approvazzjonijiet tat-tip għal teknoloġiji ġodda u innovattivi li jipproduċu impatti ambjentali aktar baxxi b'mod sinifikanti, kif ukoll iħaffuhom.

Emenda 110

Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-ġħoti ta' approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li jeżentaw it-teknoloġiji ġodda jew il-kunċetti ġodda għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni. **Dik l-awtorizzazzjoni għandha tingħata permezz ta' att ta' implimentazzjoni.** Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont **il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 87(2).**

Emenda

3. L-ġħoti ta' approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li jeżentaw it-teknoloġiji ġodda jew il-kunċetti ġodda għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni. **Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għal teknoloġiji ġodda u innovattivi li jipproduċu impatti ambjentali aktar baxxi b'mod sinifikanti, kif ukoll thaffifhom.** L-awtorizzazzjoni għandha tingħata permezz ta' att **delegat.** Dak l-att **delegat** għandu jiġi adottat skont **l-Artikolu 88.**

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, mill-konformità ma' waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew mar-rekwiżiti **sostantivi** stipulati fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, bil-kundizzjoni li dawk l-Istati Membri jimponu rekwiżiti alternattivi rilevanti.

Emenda

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, mill-konformità ma' waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew mar-rekwiżiti stipulati fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, bil-kundizzjoni li dawk l-Istati Membri jimponu rekwiżiti alternattivi rilevanti.

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta, matul il-kors ta' dik l-evalwazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni ssib li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mhumiex konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, hija għandha **titlob** mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku rilevanti sabiex jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jgħib il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jew inkella jieħu miżuri restrittivi **biex** jirtira l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mis-suq, jew **biex** jirtirahom mis-suq fi żmien **raġonevoli**, skont in-natura tar-riskju.

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istat Membru **jista'** jirrifjuta li jirreġistra tali vetturi sakemm l-operatur ekonomiku jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa.

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom

Emenda

Meta, matul il-kors ta' dik l-evalwazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni ssib li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mhumiex konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, hija għandha mingħajr dewmien **titlob** lill-operatur ekonomiku rilevanti sabiex jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jgħib il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jew inkella jieħu miżuri restrittivi **li jesiġu li l-operatur ekonomiku** jirtira **minnufih** il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mis-suq, jew **li** jirtirahom mis-suq fi żmien **tliet xhur**, skont in-natura tar-riskju.

Emenda

L-Istat Membru **għandu** jirrifjuta li jirreġistra tali vetturi sakemm l-operatur ekonomiku jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa.

Emenda

1. Meta vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom

marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, jew ma jkunux konformi ma' dan **ir-regolament** jew ikunu ġew approvati fuq il-bażi ta' data mhux korretta, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew **il-Kummissjoni jistgħu** jieħdu l-miżuri restrittivi meħtieġa skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jipprojbixxi jew jirrestrinġi t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi, jew jirtirawhom minn dak is-suq jew isejħulhom lura, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip mill-awtorità tal-approvazzjoni tal-UE, sakemm l-operatur ekonomiku rilevanti jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jinġiebu f'konformità.

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta awtorità tal-approvazzjoni jew awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ma jkunux f'konformità ma' dan ir-Regolament jew li din l-approvazzjoni tat-tip ingħatat abbażi ta'dejta inkorretta jew li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, **tista'** tieħu l-miżuri ta' restrizzjoni xierqa skont l-Artikolu 53(1).

marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, jew ma jkunux konformi ma' dan **ir-Regolament** jew ikunu ġew approvati fuq il-bażi ta' data mhux korretta, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew **l-Aġenzija għandhom** jieħdu l-miżuri restrittivi meħtieġa skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jipprojbixxi jew jirrestrinġi t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi, jew jirtirawhom minn dak is-suq jew isejħulhom lura, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip mill-awtorità tal-approvazzjoni tal-UE, sakemm l-operatur ekonomiku rilevanti jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati **kkonċernati** jinġiebu f'konformità.

Emenda

1. Meta awtorità tal-approvazzjoni jew awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ma jkunux f'konformità ma' dan ir-Regolament jew li din l-approvazzjoni tat-tip ingħatat abbażi ta' dejta inkorretta jew li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, **għandha** tieħu l-miżuri ta' restrizzjoni xierqa skont l-Artikolu 53(1).

Emenda 116

Proposta għal regolament Artikolu 56 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Awtorità tal-approvazzjoni li ma taqbilx mal-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor għandha tressaq ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tagħha għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tieġu l-miżuri xierqa sabiex tirisolvi n-nuqqas ta' qbil, li jistgħu jinkludu, fejn meħtieġ, il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni rilevanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda

6. Awtorità tal-approvazzjoni li ma taqbilx mal-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor għandha tressaq ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tagħha għall-attenzjoni ***tal-Aġenzija u*** tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tieġu l-miżuri xierqa sabiex tirisolvi n-nuqqas ta' qbil, li jistgħu jinkludu, fejn meħtieġ, il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni rilevanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda 117

Proposta għal regolament Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha twettaq evalwazzjoni sabiex tivverifika jekk ir-rimedji proposti humiex suffiċjenti u f'waqthom biżżejjed, u għandha tikkomunika r-rimedji li hija tkun approvat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni ***mingħajr dewmien***.

Emenda

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha twettaq evalwazzjoni sabiex tivverifika jekk ir-rimedji proposti humiex suffiċjenti u f'waqthom biżżejjed, u għandha ***mingħajr dewmien*** tikkomunika r-rimedji li hija tkun approvat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, ***lill-Aġenzija u*** lill-Kummissjoni ***u għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport sħiħ tas-sejbiet tal-evalwazzjoni u r-rimedji proposti***.

Emenda 118

Proposta għal regolament Artikolu 69 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Awtorità tal-approvazzjoni tista', fi kwalunkwe ħin, fuq inizjattiva tagħha stess, abbażi ta' ilment jew abbażi ta' valutazzjoni minn servizz tekniku, tivverifika l-konformità ta' manifattur mal-Artikoli 65 sa 70, kif ukoll mat-termini ta' Ċertifikat dwar l-Aċċess għall- Informazzjoni dwar l-OBD ta' vetturi u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni ta' Vetturi stipulati fl-Appendiċi 1 tal-Anness XVIII.

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha titwaqqaf, tiġi organizzata u tiġi operata **sabiex** tissalvagwardja l-oġġettività u l-imparzjalità tagħha u tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess mas-servizzi tekniċi.

Emenda

1. Awtorità tal-approvazzjoni **jew l-Aġenzija** tista', fi kwalunkwe ħin, fuq inizjattiva tagħha stess, abbażi ta' lment jew abbażi ta' valutazzjoni minn servizz tekniku, tivverifika l-konformità ta' manifattur mal-Artikoli 65 sa 70, kif ukoll mat-termini ta' Ċertifikat dwar l-Aċċess għall- Informazzjoni dwar l-OBD ta' vetturi u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni ta' Vetturi stipulati fl-Appendiċi 1 tal-Anness XVIII.

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi, u fejn xieraq, tas-sottokuntratturi jew s-sussidjarji tas-servizzi tekniċi, għandhom jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u f'konformità miegħu.

Emenda

2. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha titwaqqaf, tiġi organizzata u tiġi operata **b'mod li** tissalvagwardja l-oġġettività u l-imparzjalità tagħha u tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess mas-servizzi tekniċi **jew il-manifatturi**.

Emenda 121

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandu jkollha numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha għat-tweqqig xieraq tal-kompiti previsti minn dan ir-Regolament.

Emenda

6. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandu jkollha numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti ***u riżorsi suffiċjenti*** għad-dispożizzjoni tagħha għat-tweqqig xieraq tal-kompiti previsti minn dan ir-Regolament.

Emenda 122

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tkun ***soġġetta għal evalwazzjoni bejn il-pari minn żewġ awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' Stati Membri oħrajn*** kull *sentejn*.

Emenda

L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tkun ***awditjata*** kull *tliet snin*, ***b'konformità mal-Artikolu 10, mill-kumitat permanenti tal-awdituri tal-Forum biex jiġi żgurat li din tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li ttwettaq dmirijietha b'mod indipendenti u rigoruż.***

Il-Forum jista' jagħti bidu għal awditi ta' awtorità tal-approvazzjoni tat-tip aktar ta' spiss jekk ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li jkun hemm il-ħtieġa ta' evalwazzjonijiet addizzjonali ta' dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip.

Emenda 123

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom ifasslu l-pjan annwali għall-evalwazzjoni bejn il-pari, billi ***jiżguraw*** rotazzjoni xierqa fir-rigward tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ***li***

Emenda

Il-kumitat permanenti tal-awdituri tal-Forum għandu jfassal il-pjan annwali għall-awditi, billi ***jiżgura*** rotazzjoni xierqa fir-rigward tal-awtoritajiet tal-

jagħmlu r-reviżjoni u dawk soġġetti għaliha, u mbagħad jissottomettuh lill-Kummissjoni.

approvazzjoni tat-tip.

Emenda 124

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 8 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

*L-evalwazzjoni bejn il-pari għandha tinkludi żjara fuq il-post lil servizz tekniku li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità riveduta. **Il-Kummissjoni** tista' tipparteċipa **fir-reviżjoni** u tiddeċiedi dwar il-parteeċipazzjoni tagħha abbażi tal-analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju.*

Emenda

*L-awditu għandu jinkludi verifika tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u tal-implimentazzjoni korretta tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kontroll ta' kampjun każwali tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa u żjara fuq il-post lil servizz tekniku **wieħed jew aktar** li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità riveduta. **L-Aġenzija** tista' tipparteċipa **fl-awditu** u tiddeċiedi dwar il-parteeċipazzjoni tagħha abbażi tal-analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju.*

Emenda 125

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 8 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Jekk l-awditu juri li l-awtorità kisret xi rekwiżit ta' dan ir-Regolament jew li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mhumiex f'konformità mal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa minnha, l-awtorità għandha minnufih tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex terġa' ġġib il-proċeduri tagħha f'konformità. **L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jirrikonossux l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa fir-rigward tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati mill-awtorità kkonċernata fit-territorju tagħhom sakemm tinkiseb konformità sħiħa mar-***

Emenda 126

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. L-eżitu ***tal-evalwazzjoni bejn il-pari*** għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni u sommarju tal-eżitu għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni għall-pubbliku. Dan għandu jiġi diskuss u għandhom joħorġu rakkomandazzjonijiet mill-Forum stabbilit ***fl-Artikolu 10*** abbażi ta' valutazzjoni ta' ***dan*** l-eżitu mwettqa mill-Kummissjoni.

Emenda

9. L-eżitu ***tal-awditu*** għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni u sommarju tal-eżitu għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni għall-pubbliku. Dan għandu jiġi diskuss u għandhom joħorġu rakkomandazzjonijiet mill-Forum stabbilit ***mill-Artikolu 10*** abbażi ta' valutazzjoni ta' ***dak*** l-eżitu mwettqa mill-Kummissjoni.

Emenda 127

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra dwar kif indirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport ***dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari***.

Emenda

10. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni ***lill-Aġenzija***, lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra dwar kif indirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport ***tal-awditjar***.

Emenda 128

Proposta għal regolament Artikolu 72 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Stat Membru jista' jaħtar awtorità tal-approvazzjoni bħala servizz tekniku għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1. Meta awtorità tal-approvazzjoni tinħatar bħala servizz tekniku u tkun iffinanzjata minn Stat Membru, jew tkun soġġetta***

Emenda

imħassar

għal kontroll finanzjarju u maniġerjali minn dak l-Istat Membru, għandhom japplikaw l-Artikoli 72 sa 85 u l-Appendiċijiet 1 u 2 għall-Anness V.

Ġustifikazzjoni

Dan jikkontradixxi l-Artikolu 71(4) tal-proposta tal-Kummissjoni, li titlob li "l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ma għandhiex twettaq attivitajiet li jwettqu s-servizzi tekniċi". L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ma għandhomx jaġixxu bħala servizzi tekniċi fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip biex tiġi protetta l-indipendenza u jiġu evitati kunflitti ta' interessi kif ukoll dannu possibbli għall-istandards tal-kwalità u s-sikurezza.

Emenda 129

Proposta għal regolament Artikolu 72 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Servizz tekniku għandu jiġi stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u jkollu personalità **legali, hliief għal servizz tekniku intern akkreditat ta' manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 76.**

Emenda

3. Is-servizz tekniku għandu jiġi stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u **għandu** jkollu personalità **ġuridika.**

Emenda 130

Proposta għal regolament Artikolu 74 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Servizz tekniku għandu jkun jista' jwettaq l-attivitajiet kollha li għalihom ikun qed japplika biex jinħatar b'konformità mal-Artikolu 72(1). Huwa għandu juri lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li huwa għandu dawn kollha li ġejjin:

Emenda

1. Servizz tekniku għandu jkun jista' jwettaq l-attivitajiet kollha li għalihom ikun qed japplika biex jinħatar b'konformità mal-Artikolu 72(1). Huwa għandu juri lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, lill-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali,** li huwa għandu dawn kollha li ġejjin:

Emenda 131

Proposta għal regolament Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-servizzi tekniċi jistgħu **jissottokuntrattaw, bi qbil mill-awtorità** tal-approvazzjoni tat-tip li tinnominahom, uħud mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikunu nħatru b'konformità mal-Artikolu 72(1), jew inkella jqabbdusussidjarju biex iwettaq dawk l-attivitajiet għalihom.

Emenda 132

**Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta servizz tekniku jissottokuntratta kompiti speċifiċi mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikun inħatar jew iqabbdusussidjarju biex iwettaq dawk il-kompiti, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 73 u 74 u għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip.

Emenda 133

**Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Is-servizzi tekniċi għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, id-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-

Emenda

1. Is-servizzi tekniċi jistgħu, **bil-kunsens tal-awtorità** tal-approvazzjoni tat-tip li tinnominahom, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, tal-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali, jissottokuntrattaw** uħud mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikunu nħatru b'konformità mal-Artikolu 72(1), jew inkella jqabbdusussidjarju biex iwettaq dawk l-attivitajiet għalihom.

Emenda

2. Meta servizz tekniku jissottokuntratta kompiti speċifiċi mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikun inħatar jew iqabbdusussidjarju biex iwettaq dawk il-kompiti, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 73 u 74 u għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, lill-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali.**

Emenda

4. Is-servizzi tekniċi għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, tal-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali**, id-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-

sussidjarju u l-kompiti mwettqa minnhom.

kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tassussidjarju u l-kompiti mwettqa minnhom.

Emenda 134

Proposta għal regolament Artikolu 76 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) is-servizz tekniku intern għandu jiġi awditjat skont l-Artikolu 77;

Emenda 135

Proposta għal regolament Artikolu 76 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Servizz tekniku intern **ma għandux bżonn** jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni **għall-finijiet tal-Artikolu 78, iżda l-informazzjoni li tikkonċerna l-akkreditazzjoni tiegħu għandha tingħata mill-manifattur li minnu jiffirma parti jew mill-entità ta' akkreditazzjoni nazzjonali lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip fuq talba ta' dik l-awtorità.**

3. Servizz tekniku intern **għandu** jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni **b'konformità mal-Artikolu 78.**

Emenda 136

Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qabel tinnomina servizz tekniku, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip **għandha tivvalutah** skont lista ta' kontroll tal-valutazzjoni li tal-inqas tkopri r-rekwiżiti elenkati **fl-Anness 2 Appendiċi V**. Il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fuq il-post tal-bini tas-servizz tekniku **li japplika**, u, fejn rilevanti, ta' kwalunkwe sussidjarju jew sottokuntrattur, li jinsab

Qabel tinnomina servizz tekniku, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, il-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali, għandhom jivvalutawh** skont lista **armonizzata** ta' kontroll tal-valutazzjoni li tal-inqas tkopri r-rekwiżiti elenkati **fl-Appendiċi 2 tal-Anness V**. Il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fuq il-post tal-bini tas-servizz tekniku

għewwa jew barra l-Unjoni.

applikanti, u, fejn rilevanti, ta' kwalunkwe sussidjarju jew sottokuntrattur, li jinsab għewwa jew barra l-Unjoni.

Emenda 137

Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' mill-inqas żewġ Stati Membri oħrajn għandhom, f'koordinazzjoni mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant, u flimkien ma' rappreżentant tal-Kummissjoni, jiffurmaw tim ta' valutazzjoni konġunta u jieħdu sehem fil-valutazzjoni tas-servizz tekniku applikant, inkluża l-valutazzjoni fuq il-post. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li **jinnominaw** tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant **għandha tagħti** lil dawk ir-rappreżentanti aċċess puntwali għad-dokumenti meħtieġa sabiex jiġi vvalutat is-servizz tekniku applikant.

Emenda

Rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' mill-inqas żewġ Stati Membri oħrajn **kompetenti li jivvalutaw is-servizzi tekniċi** għandhom, f'koordinazzjoni mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, mal-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali**, tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikanti, u flimkien ma' rappreżentant **tal-Aġenzija u** tal-Kummissjoni, jiffurmaw tim ta' valutazzjoni konġunta u jieħdu sehem fil-valutazzjoni tas-servizz tekniku applikant, inkluża l-valutazzjoni fuq il-post **u osservazzjoni diretta tat-testijiet effettivi tal-approvazzjoni tat-tip imwettqa**. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li **tinnomina, jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, il-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali**, tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant **għandhom jagħtu** lil dawk ir-rappreżentanti aċċess puntwali għad-dokumenti meħtieġa sabiex jiġi vvalutat is-servizz tekniku applikant. **Fil-każ ta' servizzi tekniċi interni, it-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu jitmexxa mir-rappreżentant tal-Aġenzija.**

Emenda 138

Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 12

12. **L-awtorità tal-approvazzjoni li għandha l-ħsieb li tiġi nnominata bħala servizz tekniku b'konformità mal-Artikolu 72(2) għandha tiddokumenta l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament permezz ta' valutazzjoni mwettqa minn awdituri indipendenti. Dawk l-awdituri ma għandhomx jappartjenu għall-istess awtorità tal-approvazzjoni u għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Anness V.**

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ma għandhomx jaġixxu bħala servizzi tekniċi fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip biex tiġi protetta l-indipendenza u jiġu evitati kunflitt ta' interessi kif ukoll dannu possibbli għall-istandards tal-kwalità u s-sikurezza.

Emenda 139

**Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip **għandha tissorvelja** bla heda s-servizzi tekniċi sabiex **tiżgura** li tinżamm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 **għall-Anness V**.

L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, il-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali, għandhom jissorveljaw** bla heda s-servizzi tekniċi sabiex jiżguraw li tinżamm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 **tal-Anness V**.

Ġustifikazzjoni

Kif hija l-prassi f'xi Stati Membri, għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi se jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u f'konformità miegħu.

Emenda 140

Proposta għal regolament

Artikolu 80 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fuq talba, is-servizzi tekniċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha li dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip **tkun teħtieġ** sabiex **tkun tista' tivverifika l-konformità** ma' dawk ir-rekwiżiti.

Emenda

Fuq talba, is-servizzi tekniċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha li dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, il-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali, ikunu jeħtieġu** sabiex **ikunu jistgħu jivverifikaw il-konformità** ma' dawk ir-rekwiżiti.

Ġustifikazzjoni

Kif hija l-prassi f'xi Stati Membri, għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi se jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u f'konformità miegħu.

Emenda 141

Proposta għal regolament

Artikolu 80 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Is-servizzi tekniċi għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip dwar kwalunkwe bidla, b'mod partikolari rigward il-persunal, il-faċilitajiet, is-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom, li jistgħu jaffettwaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 **għall-Anness V**, jew il-ħila tagħhom li jwettqu l-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità marbutin mal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li ġew iddeżinjati għalihom.

Emenda

Is-servizzi tekniċi għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, lill-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali**, dwar kwalunkwe bidla, b'mod partikolari rigward il-persunal, il-faċilitajiet, is-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom, li jistgħu jaffettwaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 **tal-Anness V**, jew il-ħila tagħhom li jwettqu l-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità marbutin mal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li ġew iddeżinjati għalihom.

Ġustifikazzjoni

Kif hija l-prassi f'xi Stati Membri, għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi se jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u f'konformità miegħu.

Emenda 142

Proposta għal regolament Artikolu 89 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali għall-ksur mill-operaturi ekonomiċi u s-servizzi tekniċi mill-obligi tagħhom stabbiliti fl-Artikoli ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikoli minn 11 sa 19 u minn 72 sa 76, 84 u 85 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali għall-ksur mill-operaturi ekonomiċi u s-servizzi tekniċi mill-obligi tagħhom stabbiliti fl-Artikoli ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikoli minn 11 sa 19 u minn 72 sa 76, 84 u 85 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***B'mod partikolari l-penali għandhom ikunu proporzjonati għall-għadd ta' vetturi mhux konformi rreġistrati fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat, jew l-għadd ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi magħmula disponibbli fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat.***

Emenda 143

Proposta għal regolament Artikolu 89 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-iffalsifikar tar-riżultati tat-test ***għall-approvazzjoni skont it-tip;***

Emenda

(b) l-iffalsifikar tar-riżultati tat-test ***għall-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip jew tas-sorveljanza;***

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 89 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-użu ta' apparati ta' manipulazzjoni illegali.

Emenda 145

Proposta għal regolament Artikolu 90a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 90a

Portal online għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi portal online għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE bejn l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti li jagħmlu t-testijiet.

Il-Kummissjoni, permezz tal-Forum, għandha tissorvelja l-portal, b'mod partikolari l-manteniment tal-bażi ta' dejta tal-approvazzjonijiet tat-tip, inklużi aġġornamenti regolari, koordinazzjoni ta' informazzjoni tal-input mal-awtoritajiet rilevanti u sigurtà u kunfidenzjalità tad-dejta.

Fil-każ ta' approvazzjonijiet tat-tip, il-bażi ta' dejta għandha tinkludi l-informazzjoni meħtieġa fl-Annessi I u III. Il-partijiet terzi għandu jkollhom aċċess bla limitu għal tal-inqas l-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati ta' konformità skont l-Anness IX, kif ukoll ir-riżultati tat-test, il-parametri tal-input ewlenin (speċifikazzjonijiet tal-ittestjar) u d-dettalji tas-servizzi tekniċi kollha użati fl-istadji kollha tal-approvazzjoni tat-tip.

Dik id-dejta għandha tkun disponibbli bla ħlas, tkun f'format diġitali u tinkludi tal-anqas dan li ġejj:

- **il-massa/piż tal-vettura tat-test;**
- **ir-reżistenza tat-tidwir tal-vettura tat-test;**
- **it-temperatura tat-test;**
- **ir-reżistenzi ajrudinamiċi;**
- **il-koeffiċjenti tat-tagħbija fit-triq;**
- **l-emissjonijiet tas-CO₂ f'gCO₂/km fl-approvazzjoni tat-tip;**
- **it-tagħmir awżiljarju użat matul it-test (arja kundizzjonata, awdjo u midja, aċċessorji oħra);**
- **id-dettalji tat-tajers (mudell, manifattura, daqs u pressjoni);**
- **il-punti speċifiċi tat-tibdil tal-gerijiet tal-vettura;**
- **il-modalità tas-sewwieq li fiha ġiet ittestjata l-vettura.**

L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq għandhom jaġġornaw il-bażi ta' dejta mingħajr dewmien kull darba li tinħareġ jew tiġi rtirata approvazzjoni tat-tip ġdida, u kull darba li jinstab nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jew tittieħed xi azzjoni korrettiva.

L-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom jibbażaw fuq portali eżistenti, bħas-Sistema ta' Twissija Rapida tal-UE (RAPEX) u l-ICSMS, biex jiżguraw koordinazzjoni, konsistenza u preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta lill-konsumaturi u lil partijiet terzi.

Il-portal għandu jinkludi għodda li tippermetti li l-konsumaturi u partijiet terzi oħrajn jirrapportaw riżultati tat-test ta' parti terza rikonoxxuta, rapporti b'xi nuqqas u kwalunkwe lment dwar il-prestazzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, inkluża l-prestazzjoni f'termini tas-

sikurezza, effetti ta' ħsara fuq l-ambjent u l-konsum tal-fjuwil. Dik l-għodda għandha titqies meta jintgħażlu l-vetturi biex jiġu ttestjati għall-finijiet tal-Artikolu 8.

Il-portal għandu jkun operazzjonali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019.

Emenda 146

Proposta għal regolament Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) fl-Artikolu 13(2), il-punt (e) huwa mħassar.

imħassar

Emenda 147

Proposta għal regolament Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid) Regolament (KE) Nru 715/2007 Artikolu 14 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

Emenda

“3. Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrevedi l-proċeduri, t-testijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 5(3) kif ukoll *ie-ċikli ta' ttestjar* użati biex *jitkejju* l-emissjonijiet. *Jekk mir-reviżjoni jirriżulta li dawn m'għadhomx xierqa jew ma jirriflettux aktar is-sitwazzjoni reali ta' l-emissjonijiet, għandhom ikunu adattati b'tali mod li jirriflettu b'mod xieraq l-emissjonijiet iġġenerati mis-sewqan attwali fit-toroq. Il-miżuri meħtieġa mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi*

(5a) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrevedi l-proċeduri, it-testijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 5(3) kif ukoll *il-proċeduri tal-ittestjar* użati biex *jitkejju* l-emissjonijiet *sabiex tiżgura li dawn ikunu adegwati, inkluż fir-rigward tal-apparati ta' manipolazzjoni, u li jirriflettu l-emissjonijiet fid-dinja reali. Il-Kummissjoni għandha tintroduċi u tikkompleta, b'konformità mal-Artikolu 5(3) u mingħajr dewmien mhux dovut, test tal-emissjonijiet f'sewqan reali għall-vetturi u s-sustanzi niġġiesa kollha biex tiżgura l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet u tippermetti li l-vettura tikkonforma ma' dan ir-*

skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3).”

Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu f'użu normali matul il-ħajja normali tal-vettura. Il-fattur ta' konformità għall-NOx applikabbli mill-2020 għall-vetturi kollha mqegħdin fis-suq tal-Unjoni għandu jkun ta' mhux aktar minn 1.18. Il-fattur ta' konformità għall-PN applikabbli mill-2020 għall-vetturi kollha mqegħdin fis-suq tal-Unjoni għandu jkun ta' 1.”

Emenda 148

Proposta għal regolament

Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (KE) Nru 715/2007

Artikolu 11a – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) il-konsum tal-fjuwil u l-valuri tas-CO₂ determinati skont kundizzjonijiet ta' sewqan reali jkunu disponibbli għall-pubbliku.

Ġustifikazzjoni

Skont il-proċedura futura tat-test tal-emissjonijiet f'sewqan reali, is-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil se jiġu kkalkulati biss biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet reali tal-NOx. Din l-emenda tiżgura li dawn iċ-ċifri jsiru faċilment disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 149

Proposta għal regolament

Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 715/2007

Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

"Artikolu 14a

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I bil-

għan li ttejjeb il-kwalità tal-arja fl-Unjoni u li tikseb il-limiti tal-kwalità tal-arja ambjentali tal-Unjoni kif ukoll il-limiti rakkomandati mid-WHO, u għandha sal-2025 tressaq proposti, kif xieraq, għal limiti tal-emissjonijiet Euro 7 teknoloġikament newtrali ġodda applikabbli għall-vetturi M1 u N1 kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni."

Emenda 150

Proposta għal regolament Artikolu 96 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament ma għandux jinvalida approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha jew approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija għal vetturi jew għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati qabel *il-[PO: please insert the date of application as mentioned in Article 98]*.

Emenda

1. Dan ir-Regolament ma għandux jinvalida approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha jew approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija għal vetturi jew għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati qabel *l-1 ta' Jannar 2018*.

Emenda 151

Proposta għal regolament Artikolu 96 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-validità tal-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi fi tmiemha sa mhux aktar tard *mill-[PO: please insert the date, which should be the date of application as mentioned in Article 98 + 5 years]* u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jistgħu biss iġeddu dawk l-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 *ta' dan ir-Regolament*.

Emenda

3. Il-validità tal-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi fi tmiemha sa mhux aktar tard *mill-1 ta' Jannar 2023* u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jistgħu biss iġeddu dawk l-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33.

Emenda 152

Proposta għal regolament Artikolu 97 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru **20xx** [**PO: please insert the year, which should be the year of application as mentioned in Article 98 + 5 years**] l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri tas-sorveljanza tas-suq stipulati f'dan ir-Regolament.

Emenda

1. Sal-31 ta' Diċembru **2023**, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri tas-sorveljanza tas-suq stipulati f'dan ir-Regolament.

Emenda 153

Proposta għal regolament Artikolu 98 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar **201X**.

Emenda

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar **2018**.

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi
Referenzi	COM(2016)0031 – C8-0015/2016 – 2016/0014(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 4.2.2016
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 4.2.2016
Rapporteur Data tal-ħatra	Christofer Fjellner 8.3.2016
Eżami fil-kumitat	8.9.2016
Data tal-adozzjoni	29.11.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 59 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Biljana Borzan, Lynn Boylan, Paul Brannen, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Mireille D'Ornano, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Jørn Dohrmann, Stefan Eck, Bas Eickhout, Eleonora Evi, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Anneli Jäätteenmäki, Jean-François Jalkh, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Giovanni La Via, Peter Liese, Susanne Melior, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, Frédérique Ries, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Renate Sommer, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Estefanía Torres Martínez, Nils Torvalds, Jadwiga Wiśniewska, Tiemo Wölken
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Eugenia Aguilera García, Nikos Androulakis, Mark Demesmaeker, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Fredrick Federley, Christofer Fjellner, Elena Gentile, Merja Kyllönen, Mairead McGuinness, Gesine Meissner, James Nicholson, Marijana Petir, Bart Staes, Kay Swinburne, Tibor Szanyi
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Theresa Griffin, Clare Moody, Julie Ward